



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0095/2014**

6.2.2014

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni)  
(COM(2013)0410 – C7-0171/2013 – 2013/0186(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Marian-Jean Marinescu  
(Riformulazzjoni – l-Artikolu 87 tar-Regoli ta' Proċedura)

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi mill-Parlament stabbiliti f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat b'tipa ***grassa korsiv*** fil-kolonna tax-xellug. It-tibdil huwa indikat b'tipa ***grassa korsiv*** fiż-żewġ kolonni. Test ġdid huwa indikat b'tipa ***grassa korsiv*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti rilevanti tal-att ta' abbozz ikkunsidrat. Jekk emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura tal-emenda jkun fiha t-tielet linja li tidentifika l-att eżistenti u r-raba' linja li tidentifika d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att li l-Parlament jixtieq jemenda.

#### **Emendi mill-Parlament fil-forma ta' test konsolidat**

It-test il-ġdid hu enfasizzat b'tipa ***grassa korsiv***. It-tħassir huwa indikat bl-użu ta' jew is-simbolu ■ jew linja li taqta' min-nofs. Tbidil huwa indikat billi jenfasizza t-test il-ġdid b'tipa ***grassa korsiv*** u billi jħassar jew jaqta' min-nofs it-test li ġie mibdul.

Bħala eċċezzjoni, tibdiliet purament tekniċi magħmula mid-dipartiment tal-abbozzi, meta jippreparaw it-test finali ma jiġux enfasizzati.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	73
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	76
ANNEX: OPINION OF THE CONSULTATIVE WORKING PARTY OF THE LEGAL SERVICES OF THE EUROPEAN PARLIAMENT, THE COUNCIL AND THE COMMISSION .....	78
PROĊEDURA.....	82



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni)  
(COM(2013)0410 – C7-0171/2013 – 2013/0186(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja - riformulazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0410),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0171/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Kamra tar-Rappreżentanti Maltija fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2013<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni ,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali<sup>2</sup>,
  - Wara li kkunsidra l-ittra ta' ..... tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għat-trasport u t-Turiżmu skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0095/2014),
- A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta inkwistjoni ma tinkludi l-ebda emenda ta' sustanza għajr dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux tal-atti ta' qabel flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom;
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament

---

<sup>1</sup> Għadu ma ġiex ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>2</sup> ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi/tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## **Emenda 1**

### **Proposta għal regolament Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2) L-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport tirrekjedi sistema ta' trasport tal-ajru effiċjenti li tippermetti operat sikur u regolari ta' servizzi ta' trasport tal-ajru, biex b' hekk tiffaċilita l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni u servizzi.**

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-premessa hija żejda meta mqabbla mal-premessa 5. Għandha tinżamm l-aħħar premessa, li hi iktar kompleta.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(5a) Biex jiġi evitat li ż-żieda mistennija fit-traffiku tal-ajru tiġġenera jew iżżid il-konġestjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew, flimkien mal-ispejjeż kollha involuti f'termini ekonomiċi, ambjentali u ta' sikurezza, għandha tintemm il-frammentazzjoni ta' dan l-ispazju tal-ajru u għalhekk għandu jiġi implimentat dan ir-Regolament malajr kemm jista' jkun.***

## **Emenda 3**

### **Proposta għal regolament**

## Premessa 5b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5b) L-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għandu jkollha rwol pożittiv għat-*tkabbir*, l-impjeg u l-kompetittività fl-Ewropa, b'mod partikolari billi tistimola d-domanda għal impjegi bi kwalifiki għoljin.**

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6) It-tfittxija simultanja tal-ilħiq tal-għanijiet tat-*tkattir* tal-istandards tas-sikurezza tat-*traffiku* tal-ajru u t-*titjib* tal-*prestazzjoni* ġenerali tal-ATM u l-ANS għat-*traffiku* tal-ajru ġenerali fl-Ewropa teħtieġ li jitqies il-fattur uman. Għalhekk, ***l-Istati Membri għandhom iqisu*** l-introduzzjoni tal-prinċipji ta' 'kultura ġusta'.

(6) It-tfittxija simultanja tal-ilħiq tal-għanijiet tat-*tkattir* tal-istandards tas-sikurezza tat-*traffiku* tal-ajru u t-*titjib* tal-*prestazzjoni* ġenerali tal-ATM u l-ANS għat-*traffiku* tal-ajru ġenerali fl-Ewropa teħtieġ li jitqies il-fattur uman. Għalhekk, ***minbarra*** l-introduzzjoni tal-prinċipji ta' 'kultura ġusta', ***għandhom jinbnew indikaturi rilevanti ta' prestazzjoni fl-iskema tal-prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew.***

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) L-Istati Membri addottaw dikjarazzjoni ġenerali dwar kwistjonijiet militari konnessi mal-Ajru Uniku Ewropew<sup>18</sup>. ***Skond*** din id-dikjarazzjoni, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, itejbu ***l-kooperazzjoni*** ċivili-militari u, jekk u sal-punt meqjus meħtieġ mill-Istati Membri kollha kkonċernati, jiffaċilitaw ***il-***

(7) L-Istati Membri addottaw dikjarazzjoni ġenerali dwar kwistjonijiet militari konnessi mal-Ajru Uniku Ewropew<sup>18</sup>. ***Skont*** din id-dikjarazzjoni, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, itejbu ***l-koperazzjoni*** ċivili-militari u, jekk u sal-punt meqjus meħtieġ mill-Istati Membri kollha kkonċernati, jiffaċilitaw ***il-***



**kooperazzjoni** bejn il-forzi armati tagħhom fil-materji kollha ta' amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru.

---

<sup>18</sup>Ara paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**koperazzjoni** bejn il-forzi armati tagħhom fil-materji kollha ta' amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru **sabiex jiġi ffaċilitat l-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.**

---

<sup>18</sup> Ara paġna 9 ta' dan Il-Ġurnal Uffiċjali.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Biex tiġi żgurata sorveljanza konsistenti u **soda** tal-forniment tas-servizzi madwar l-Ewropa, l-awtoritajiet **superviżorji** nazzjonali għandu jkollhom garanzija ta' **indipendenza** u riżorsi suffiċjenti. Din l-indipendenza m'għandhiex iżżomm lil dawk l-awtoritajiet milli jeżerċitaw il-kompiti tagħhom fi ħdan qafas amministrattiv.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) L-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u **l-Kummissjoni għandha**, għalhekk, **tagħvola l-kooperazzjoni** ta' bejniethom sabiex **tagħmel** possibbli li jiġu skambjati l-aħjar Prattiki u li jkun żviluppat approċċ komuni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-livell reġjonali. Din il-kooperazzjoni għandha ssejtni fuq bażi

#### *Emenda*

(10) Biex tiġi żgurata sorveljanza konsistenti, **soda u indipendenti** tal-forniment tas-servizzi madwar l-Ewropa, l-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandu jkollhom garanzija **ta'** riżorsi suffiċjenti, **kemm f'termini finanzjarji kif ukoll f'termini** ta' **persunal**. Din l-indipendenza m'għandhiex iżżomm lil dawk l-awtoritajiet milli jeżerċitaw il-kompiti tagħhom fi ħdan qafas amministrattiv.

#### *Emenda*

(11) L-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew. **Il-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Avjazzjoni (EAA) għandhom**, għalhekk, **jaġevolaw il-kooperazzjoni** ta' bejniethom sabiex **jaġhmlu** possibbli li jiġu skambjati l-aħjar Prattiki u li jkun żviluppat approċċ komuni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-livell reġjonali, **bil-provvista**

regolari.

*ta' pjattaforma għal dawn l-iskambji.* Din il-kooperazzjoni għandha sseħħ fuq bażi regolari.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Is-sħab soċjali għandhom ikunu informati u kkonsultati **aħjar** dwar il-miżuri kollha li jkollhom implikazzjonijiet soċjali sinifikanti. Fil-livell tal-Unjoni, il-Kumitat dwar id-Djalogu Settorjali mwaqqaf skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1998/500/KE<sup>19</sup> għandhom ukoll ikunu kkonsultati.

---

<sup>19</sup> ĠU L 225, tat-12.8.1998, p. 27.

#### *Emenda*

(12) **Għall-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew**, is-sħab soċjali għandhom ikunu informati u kkonsultati dwar il-miżuri kollha li jkollhom implikazzjonijiet soċjali sinifikanti. Fil-livell tal-Unjoni, il-Kumitat dwar id-Djalogu Settorjali mwaqqaf skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE<sup>19</sup> għandhom ukoll ikunu kkonsultati.

---

<sup>19</sup> ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza, kif ukoll servizzi meteoroloġiċi u ta' informazzjoni aeronawtika, **għandu** jkun organizzat taħt kundizzjonijiet tas-suq filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali ta' servizzi tali **u jinżamm** livell għoli ta' sikurezza.

#### *Emenda*

(13) Il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza, kif ukoll servizzi meteoroloġiċi, **ta' tfassil tal-ispazju tal-ajru** u ta' informazzjoni aeronawtika, **flimkien ma' servizzi li jiformattjaw u jikkonsenjawn dejta lit-traffiku tal-ajru ġenerali, jista'** jkun organizzat taħt kundizzjonijiet tas-suq filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali ta' servizzi tali, **billi jiġi żgurat** livell għoli ta' sikurezza **u jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent.**

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Il-kunċett ta' proġetti komuni, immirati biex jassistu lill-utenti tal-ispazju tal-ajru u/jew lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru biex itejbu l-infrastruttura kollettiva tan-navigazzjoni tal-ajru, il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u l-użu tal-ispazju tal-ajru, b'mod partikulari dawk li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM kif approvat mid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2009/320/KE<sup>20</sup>, skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007, m'għandux jippreġudika proġetti li diġà jeżistu, li huma deċiżi minn Stat Membru wieħed jew minn diversi Stati Membri b'objettivi simili. Id-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tal-applikazzjoni ta' proġetti komuni m'għandhomx jippreġudikaw il-mod li bih jiġu stabbiliti dawn il-proġetti komuni. Il-Kummissjoni tista' tipproponi li l-finanzjament, bħal m'huwa l-finanzjament ***min-Netwerk Trans-Ewropew*** jew mill-Bank Ewropew għall-Investment jistgħu jintużaw bħala appoġġ għal proġetti komuni, b'mod partikulari biex titħaffef l-applikazzjoni tal-programm SESAR, fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali. Mingħajr ħsara għall-aċċess għal dak il-finanzjament, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jiddeċiedu kif għandu jintuża d-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-konċessjonijiet tas-settur tal-avjazzjoni taħt l-Iskema ta' Negożjar tal-Emissjonijiet u li jqisu f'dan il-kuntest jekk sehem minn dan id-dħul jistax jintuża biex jiffinanzja proġetti komuni fil-livell tal-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru.

#### *Emenda*

(15) Il-kunċett ta' proġetti komuni, immirati biex jassistu lill-utenti tal-ispazju tal-ajru u/jew lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru biex itejbu l-infrastruttura kollettiva tan-navigazzjoni tal-ajru, il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u l-użu tal-ispazju tal-ajru, b'mod partikulari dawk li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM kif approvat mid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2009/320/KE<sup>20</sup>, skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007, m'għandux jippreġudika proġetti li diġà jeżistu, li huma deċiżi minn Stat Membru wieħed jew minn diversi Stati Membri b'objettivi simili. Id-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tal-applikazzjoni ta' proġetti komuni m'għandhomx jippreġudikaw il-mod li bih jiġu stabbiliti dawn il-proġetti komuni. Il-Kummissjoni tista' tipproponi li l-finanzjament, bħal m'huwa l-finanzjament ***mill-Faċilita Nikkollegaw l-Ewropa, minn Orizzont 2020*** jew mill-Bank Ewropew għall-Investment jistgħu jintużaw bħala appoġġ għal proġetti komuni, b'mod partikulari biex titħaffef l-applikazzjoni tal-programm SESAR, fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali. Mingħajr ħsara għall-aċċess għal dak il-finanzjament, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jiddeċiedu kif għandu jintuża d-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-konċessjonijiet tas-settur tal-avjazzjoni taħt l-Iskema ta' Negożjar tal-Emissjonijiet u li jqisu f'dan il-kuntest jekk sehem minn dan id-dħul jistax jintuża biex jiffinanzja proġetti komuni fil-livell tal-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru. ***Fejn applikabbli, proġetti komuni għandhom jimmiraw li jippermettu sett ta'***

---

<sup>20</sup> ĠU L 95, 9.4.2009, p. 41

---

<sup>20</sup> ĠU L 95, 9.4.2009, p. 41

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15a) Sakemm ma jiġux implimentati mekkaniżmi speċifiċi, il-proġetti ta' investiment ibbażati fuq l-ajru u fuq l-art marbuta mal-Pjan Komprensiv tal-ATM jistgħu jsiru b'mod mhux koordinat, li jista' jdewwem l-applikazzjoni effettiva tat-teknoloġiji tal-SESAR.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 16

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(16) Il-kunċett ta' entità ta' Maniġer tan-Netwerk huwa ċentrali għat-titjib tal-prestazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru fuq livell ta' netwerk, billi jiċċentralizza l-forniment ta' ċerti servizzi, li jitwettqu l-aħjar fuq livell ta' netwerk. Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattment ta' kriżi tal-avjazzjoni, il-koordinazzjoni **ta' kriżi bħal din** għandha tkun assigurata mill-Maniġer tan-Netwerk.

(16) Il-kunċett ta' entità ta' Maniġer tan-Netwerk huwa ċentrali għat-titjib tal-prestazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru fuq livell ta' netwerk, billi jiċċentralizza l-forniment ta' ċerti servizzi, li jitwettqu l-aħjar fuq livell ta' netwerk. Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' kriżi tal-avjazzjoni, il-koordinazzjoni **tal-miżuri li għandhom ikunu adottati sabiex dawn jiġu evitati u biex jiġu indirizzati**, għandha tkun assigurata mill-Maniġer tan-Netwerk. **F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli mill-iżgurar li ma jqum ebda kunflitt ta' interess bejn il-forniment ta' servizzi ċentralizzati u r-rwol tal-korp**

## *ta' analiżi tal-prestazzjoni.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Korp tal-UE bħala regolatur ekonomiku għas-settur tal-ATM, taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, jiżgura grad oġhla ta' indipendenza u flessibbiltà.*

#### **Emenda 13**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 17**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Il-Kummissjoni konvinta li l-użu effiċjenti u sikur tal-ispazju tal-ajru jista' jintlaħaq biss bis-saħħa ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-utenti ċivili u militari tal-ispazju tal-ajru, bbażata prinċipalment fuq il-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru u koordinazzjoni ċivili-militari effettiva kif stabbilit mill-ICAO, **u ssostni** l-importanza tat-tiżiħ tal-kooperazzjoni ċivili-militari bejn l-utenti ċivili u militari tal-ispazju tal-ajru.

###### *Emenda*

(17) Il-Kummissjoni konvinta li l-użu effiċjenti u sikur tal-ispazju tal-ajru jista' jintlaħaq biss bis-saħħa ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-utenti ċivili u militari tal-ispazju tal-ajru, bbażata prinċipalment fuq il-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru u koordinazzjoni ċivili-militari effettiva kif stabbilit mill-ICAO; **issostni** l-importanza tat-tiżiħ tal-kooperazzjoni ċivili-militari bejn l-utenti ċivili u militari tal-ispazju tal-ajru **bl-għan li jiġi faċilitat użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.**

#### **Emenda 14**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 18**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Il-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar il-qagħda tal-ispazju tal-ajru u dwar sitwazzjonijiet speċifiċi tat-traffiku tal-ajru u t-tixrid f'waqtu ta' din l-informazzjoni lill-kontrolluri ċivili u militari għandha impatt dirett fuq is-sikurezza u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet. L-aċċess f'waqtu għal informazzjoni aġġornata dwar il-qagħda tal-ispazju tal-ajru hija essenzjali għall-partijiet kollha li jixtiequ jisfruttaw l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru li jsiru disponibbli meta jkunu qed jimlew jew

###### *Emenda*

(18) Il-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar il-qagħda tal-ispazju tal-ajru u dwar sitwazzjonijiet speċifiċi tat-traffiku tal-ajru u t-tixrid f'waqtu ta' din l-informazzjoni lill-kontrolluri ċivili u militari għandha impatt dirett fuq is-sikurezza u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet **u għandha ttejjeb il-prevedibbiltà tagħhom.** L-aċċess f'waqtu għal informazzjoni aġġornata dwar il-qagħda tal-ispazju tal-ajru hija essenzjali għall-partijiet kollha li jixtiequ jisfruttaw l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru li jsiru

jimlew bil-ġdid il-pjani tat-titjir tagħhom.

disponibbli meta jkunu qed jimlew jew jimlew bil-ġdid il-pjani tat-titjir tagħhom.

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(22) L-ambitu ġeografiku ta' dan ir-Regolament għar-reġjun ICAO NAT għandu jiġi emendat biex iqis l-arranġamenti eżistenti u ppjanati tal-forniment tas-servizzi u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-utenti tal-ispazju tal-ajru li joperaw f'dik iż-żona.**

**imħassar**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni tar-reġjun tal-ICAO tal-Atlantiku tat-Tramuntana – l-NAT – mhix xierqa peress li dan huwa spazju tal-ajru fuq ibħra miftuħa, li ma jaqax taħt l-ambitu tat-Trattati tal-UE.*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 24

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(24) Il-kunċett ta' blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru mfassla biex itejbu l-kooeprazzjoni bejn fornituri ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru, huwa għodda importanti għat-titjib tal-prestazzjoni tas-sistema ATM Ewropea. Sabiex *tittejjeb* din l-għodda, *il-blokk* funzjonali tal-ispazju tal-ajru *għandhom isiru aktar iffukati fuq il-prestazzjoni u bbażati fuq sħubijiet industrijali, u l-industrija għandha tingħata aktar ħelsien biex timmodifikahom sabiex tilħaq u, fejn***

**(24) Il-kunċett ta' blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru mfassla biex itejbu l-kooeprazzjoni bejn fornituri ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru, huwa għodda importanti għat-titjib tal-prestazzjoni tas-sistema ATM Ewropea. Sabiex *jikkumplimentaw* din l-għodda, *il-fornituri ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ikunu jistgħu jidħlu liberament fi sħubijiet industrijali bbażati fuq il-prestazzjoni li jistgħu jirkbu l-blokk* funzjonali tal-ispazju tal-ajru *stabbiliti.***

*possibbli tisboq, il-miri tal-prestazzjoni.*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-FABs huma inizzjattiva bbażata fuq stat u m'għandhomx jirrestrinġu l-possibbiltajiet għal sħubijiet industrijali. Jekk sħubijiet industrijali jissejġu bħala tieni tip ta' FAB tista' tinħoloq ukoll konfużjoni. Dan madankollu ma jfissirx li sħubijiet industrijali ma jistgħux jagħtu impetu jew itejbu l-prestazzjoni ta' FAB (waħda jew aktar).*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament Premessa 26**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Sabiex tettejeb l-enfażi fuq il-klijent min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u sabiex tikber il-possibbiltà għall-utenti tal-ispazju tal-ajru li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jolqtuhom, għandhom isiru aktar effettivi l-konsultazzjoni **u l-parteċipazzjoni** tal-partijiet interessati f'deċiżjonijiet maġġuri dwar l-operat tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

#### *Emenda*

(26) Sabiex tettejeb l-enfażi fuq il-klijent min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u sabiex tikber il-possibbiltà għall-utenti tal-ispazju tal-ajru li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jolqtuhom, għandhom isiru aktar effettivi l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati f'deċiżjonijiet maġġuri dwar l-operat tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-responsabbiltà finali għall-investimenti għandha tkun tal-ANSP, peress li huwa l-ANSP li huwa responsabbli biex jinkisbu l-miri tal-prestazzjoni. Kwistjonijiet dwar il-ħtieġa li jiġu kkoordinati investimenti tal-SESAR marbuta ma' żoni ta' titjir u ma' żoni mhux relatati mat-titjiriet, għandhom jiġu indirizzati permezz ta' mekkaniżmi xierqa fl-iskema tal-ħlasijiet.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament Premessa 28**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi jew tal-operat, partikoarment bl-emendar tal-annessi jew billi jiġu ssupplimentati d-

#### *Emenda*

(28) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi jew tal-operat, partikolarment bl-emendar tal-annessi jew billi jiġu ssupplimentati d-

dispożizzjonijiet dwar il-..., is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Il-kontenut u l-ambitu ta' kull delega huma stipulati fid-dettall fl-Artikoli rilevanti. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tfejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tan-netwerk, l-iskema tal-prestazzjoni, ***tintgħażel l-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM (manijer tal-applikazzjoni) u jiġu definiti r-responsabbiltajiet tagħha***, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Il-kontenut u l-ambitu ta' kull delega huma stipulati fid-dettall fl-Artikoli rilevanti. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tfejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Meta żżid mal-lista tas-servizzi tal-ġestjoni tan-netwerk, il-Kummissjoni għandha tmexxi konsultazzjoni xierqa tal-partijiet interessati tal-industrija.

#### *Emenda*

(29) Meta żżid mal-lista tas-servizzi tal-ġestjoni tan-netwerk, il-Kummissjoni għandha tmexxi konsultazzjoni xierqa tal-partijiet interessati tal-industrija ***u l-imsieħba soċjali***.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 30

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali ***ta' sorveljanza***, il-

#### *Emenda*

(30) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali ***tal-avjazzjoni***, il-



forniment ta' servizzi ta' appoġġ fuq bażi esklussiva minn fornitur ta' servizz jew gruppi tagħhom, miżuri korrettivi biex tiġi riveduta l-konformità mal-miri tal-prestazzjoni ta' madwar l-Unjoni u dawk lokali assoċjati, ir-reviżjoni tal-konformità b'rabta mal-iskema tat-talbiet għall-ħlas, il-governanza u l-adozzjoni ta' proġetti komuni għal funzjonijiet marbutin man-netwerks, blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, modalitajiet ta' parteċipazzjoni tal-partijiet interessati f'deċiżjonijiet operazzjonali ewlenin tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, aċċess għal u protezzjoni ta' dejta, informazzjoni aeronawtika elettronika u żvilupp teknoloġiku u interoperabilità tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni<sup>22</sup>.

---

<sup>22</sup> ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

## **Emenda 21**

### **Proposta għal regolament Premessa 34**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(34) Dawn id-Direttivi huma maħsuba sabiex jiggarrantixxu l-applikazzjoni effettiva tad-Direttivi 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi<sup>23</sup> u mid-

forniment ta' servizzi ta' appoġġ fuq bażi esklussiva minn fornitur ta' servizz jew gruppi tagħhom, miżuri korrettivi biex tiġi riveduta l-konformità mal-miri tal-prestazzjoni ta' madwar l-Unjoni u dawk lokali assoċjati, ir-reviżjoni tal-konformità b'rabta mal-iskema tat-talbiet għall-ħlas, il-governanza u l-adozzjoni ta' proġetti komuni għal funzjonijiet marbutin man-netwerks, blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, modalitajiet ta' parteċipazzjoni tal-partijiet interessati f'deċiżjonijiet operazzjonali ewlenin tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, aċċess għal u protezzjoni ta' dejta, informazzjoni aeronawtika elettronika u żvilupp teknoloġiku u interoperabilità tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni<sup>22</sup>.

---

<sup>22</sup> ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

#### *Emenda*

(34) Dawn id-Direttivi huma maħsuba sabiex jiggarrantixxu l-applikazzjoni effettiva tad-Direttivi 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi<sup>23</sup> u mid-

Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u servizzi postali<sup>24</sup>. Account should also be taken of the guidelines set out in the Commission interpretative communication 2006/C179/02 on the Community law applicable to contract awards not or not fully subject to the provisions of the Public Procurement Directives, as appropriate

---

23 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

24 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1

25 ĠU C 179, 1.8.2006, p. 2.

Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u servizzi postali<sup>24</sup>. Account should also be taken of the guidelines set out in the Commission interpretative communication 2006/C179/02 on the Community law applicable to contract awards not or not fully subject to the provisions of the Public Procurement Directives, as appropriate

---

23 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

24 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1

25 ĠU C 179, 1.8.2006, p. 2.

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 35**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(35) Id-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà, miftiehma f'Kordoba fit-18 ta' Settembru 2006 ("id-Dikjarazzjoni Ministerjali), matul l-ewwel laqgħa Ministerjali tal-Forum ta' Djalogu dwar Ġibiltà, ser tissostitwixxi d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà magħmula f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987, u l-konformità sħiħa ma' dik id-Dikjarazzjoni se titqies li tikkostitwixxi konformità mad-Dikjarazzjoni tal-1987.*

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 36**

*Emenda*

*(35) Arranġamenti għal koperazzjoni iktar mill-qrib dwar l-użu ta' l-ajruport ta' Ġibiltà kienu ġew miftiehma f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987 mir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit f'dikjarazzjoni konġunta li saret mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' dawn iż-żewġ pajjiżi. L-arranġamenti għadhom ma ġewx applikati.*

**(36) Dan ir-Regolament japplika bis-sħiħ għall-Ajruport ta' Ġibiltà fil-kuntest u permezz tad-Dikjarazzjoni Ministerjali. Mingħajr ħsara għad Dikjarazzjoni Ministerjali, l-applikazzjoni għall-Ajruport ta' Ġibiltà u l-miżuri relatati mal-implimentazzjoni tagħha għandhom jikkonformaw bis-sħiħ ma' dik id-Dikjarazzjoni u l-arranġamenti kollha li hemm ġewwa fiha.**

**imħassar**

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal-ħolqien u l-funzjonament xieraq tal - Ajru Uniku Ewropew sabiex jiġu żgurati l-istandards attwali tat-traffiku tal-ajru, biex jkkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru u biex itejjeb il-prestazzjoni ġenerali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u s-sistema ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru (ANS) għat-traffiku tal-ajru ġenerali fl-Ewropa, bil-ħsieb li jinqdew il-ħtiġijiet ta' dawk kollha li jużaw l-ispazju tal-ajru. L-Ajru Uniku Ewropew se jkun jikkonsisti minn netwerk pan-Ewropew koerenti ta' rotot, spazju tal-ajru operazzjonali integrat, ġestjoni tan-netwerk **u sistemi tal-ġestjoni** tat-traffiku tal-ajru **bbażati** biss fuq is-sikurezza, l-effiċjenza u l- interoperabilità , għall-benefiċċju tal-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru.

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal-ħolqien u l-funzjonament xieraq tal - Ajru Uniku Ewropew sabiex jiġu żgurati l-istandards attwali tat-traffiku tal-ajru, biex jkkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru, **bħat-tnaqqis fl-impatt fuq l-ambjent** u biex itejjeb il-prestazzjoni ġenerali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u s-sistema ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru (ANS) għat-traffiku tal-ajru ġenerali fl-Ewropa, bil-ħsieb li jinqdew il-ħtiġijiet ta' dawk kollha li jużaw l-ispazju tal-ajru. L-Ajru Uniku Ewropew se jkun jikkonsisti minn netwerk pan-Ewropew **u, soġġett għal arranġamenti speċifiċi mal-pajjiżi tal-viċinat, tal-pajjiżi terzi** koerenti ta' rotot, spazju tal-ajru operazzjonali integrat, ġestjoni tan-netwerk u **ġestjoni** tat-traffiku tal-ajru **bbażata** biss fuq is-sikurezza, l-effiċjenza u l-interoperabilità, għall-benefiċċju tal-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru.

## *Ġustifikazzjoni*

*L-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew iddewwmet, fost raġunijiet oħrajn, minħabba koordinazzjoni u infurzar tal-użu tat-teknoloġija insuffiċjenti kemm fuq l-art kif ukoll, f'livell iktar baxx, fl-ajru. Il-funzjoni ta' "manixer tal-iskjerament" tista' tiżgura li dan il-proċess jiġi kkoordinat, immonitorat u ssorveljat.*

### **Emenda 25**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ispazju tal-ajru fir-reġjuni tal- ICAO EUR u AFI **u NAT** fejn l-Istati Membri huma responsabbli għall- forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru skont dan ir-Regolament . Stati Membri jistgħu wkoll japplikaw dan ir-Regolament għal spazju tal-ajru taħt ir-responsabbilta tagħhom f'reġjuni oħra tal-OIAĊ, bil-kondizzjoni li jinformat b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

##### *Emenda*

4. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ispazju tal-ajru fir-reġjuni tal- ICAO EUR u AFI fejn l-Istati Membri huma responsabbli għall- forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru skont dan ir-Regolament. Stati Membri jistgħu wkoll japplikaw dan ir-Regolament għal spazju tal-ajru taħt ir-responsabbilta tagħhom f'reġjuni oħra tal-OIAĊ, bil-kondizzjoni li jinformat b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

## *Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni tar-reġjun tal-ICAO tal-Atlantiku tat-Tramuntana – l-NAT – mhix xierqa peress li dan huwa spazju tal-ajru fuq ibħra miftuħa, li ma jaqax taħt l-ambitu tat-Trattati tal-UE.*

### **Emenda 26**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 5**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hi mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit **tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq** għar-rigward **il-kwistjoni** dwar is-sovranità fuq it-territorju ta' fejn

##### *Emenda*

5. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hi mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi **rar-Renju ta'** Spanja u tar-Renju Unit rigward **il-kontroversja** dwar is-sovranità fuq it-territorju li fih jinstab l-

jinstab l-ajruport.

ajruport.

### *Ġustifikazzjoni*

*Fl-20 ta' Novembru 2012, Spanja kkomunikat uffiċjalment lill-UE li ma tistax taċċetta li fir-Regolamentazzjoni tal-UE dwar l-avjazzjoni ċivili tibqa' ssir referenza għall-imsejħa "Dikjarazzjoni ministerjali ta' Kordoba" tas-sena 2006. U bħala konsegwenza, Spanja talbet ir-ritorn lejn is-sitwazzjoni preċedenti fl-2006, jiġifieri, għas-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni Ewropea rigward l-avjazzjoni ċivili hekk kif huwa stipulat fl-emenda preżentata.*

### **Emenda 27**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***5a. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà għandha tiġi sospiża sakemm l-arranġamenti stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Konġunta magħmula mill-Ministri Barranin tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 jibdew joperaw. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit għandhom jinformaw f'dan is-sens lill-Kunsill dwar din id-data.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Fl-20 ta' Novembru 2012, Spanja kkomunikat uffiċjalment lill-UE li ma tistax taċċetta li fir-Regolamentazzjoni tal-UE dwar l-avjazzjoni ċivili tibqa' ssir referenza għall-imsejħa "Dikjarazzjoni ministerjali ta' Kordoba" tas-sena 2006. U bħala konsegwenza, Spanja talbet ir-ritorn lejn is-sitwazzjoni preċedenti fl-2006, jiġifieri, għas-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni Ewropea rigward l-avjazzjoni ċivili hekk kif huwa stipulat fl-emenda preżentata.*

### **Emenda 28**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. “amministrazzjoni ta' spazju tal-ajru” tfisser servizz ta' ppjanar bl-għan primarju li jisfrutta bl-aħjar mod possibbli l-utilizzazzjoni ta' spazju tal-ajru disponibbli permezz ta' parteċipazzjoni dinamika fil-ħin u, xi minn daqqiet, is-segregazzjoni ta' spazju tal-ajru fost il-kategoriji varji ta' utenti ta' spazju tal-ajru fuq il-bażi ta' rekwiżiti ta' terminu qasir;

*Emenda*

7. “amministrazzjoni ta' spazju tal-ajru” tfisser servizz ta' ppjanar bl-għan primarju li jisfrutta bl-aħjar mod possibbli l-utilizzazzjoni ta' spazju tal-ajru disponibbli permezz ta' parteċipazzjoni dinamika fil-ħin u, xi minn daqqiet, is-segregazzjoni ta' spazju tal-ajru fost il-kategoriji varji ta' utenti ta' spazju tal-ajru fuq il-bażi ta' rekwiżiti ta' terminu qasir ***u funzjoni strateġika assoċjata ma' tfassil tal-ispazju tal-ajru;***

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

12. “servizz ta' kontroll taż-żona” tfisser servizz ta' ATC għal tiġiriet ikkontrollati ***fi blokk ta' spazju tal-ajru;***

*Emenda*

12. “servizz ta' kontroll taż-żona” tfisser servizz ta' ATC għal tiġiriet ikkontrollati ***f'żoni ta' kontroll;***

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

15. ‘kriżi tal-avjazzjoni’ tfisser ċirkostanzi li fihom il-kapaċità tal-ispazju tal-ajru tkun imnaqqsa b'mod anormali bħala riżultat ta' maltemp kbir jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' partijiet kbar tal-ispazju tal-ajru minħabba raġunijiet naturali jew politiċi;

*Emenda*

15. ‘kriżi tal-avjazzjoni’ tfisser ċirkostanzi li fihom il-kapaċità tal-ispazju tal-ajru tkun imnaqqsa b'mod anormali bħala riżultat ta' maltemp kbir jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' partijiet kbar tal-ispazju tal-ajru minħabba raġunijiet naturali, ***mediċi, ta' sikurezza, militari*** jew politiċi;

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

16. “q ġabra ta' servizzi” tfisser żewġ servizzi jew aktar **ta' navigazzjoni tal-ajru**;

*Emenda*

16. “ġabra ta' servizzi” tfisser żewġ servizzi jew aktar **ipprovduti mill-istess entità**;

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

17. “ċertifikat” tfisser dokument maħruġ minn awtorità nazzjonali **ta' sorveljanza** f'kull għamla li jikkonforma mal-liġi **nazzjonali**, li jikkonferma li l-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru jissodisfa r-rekwiżiti biex **jipprovdni servizz speċifiku**;

*Emenda*

17. “ċertifikat” tfisser dokument maħruġ **mill-Aġenzija Ewropea tal-Avjazzjoni (EAA) jew** minn awtorità nazzjonali **tal-avjazzjoni** f'kull għamla li jikkonforma mal-liġi **rilevanti**, li jikkonferma li l-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru jissodisfa r-rekwiżiti biex **twettaq attività speċifika**;

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 18a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**18a. “Netwerk Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru” (EATMN) tfisser netwerk pan-Ewropew ta' sistemi u kostitwenti, kif ukoll il-pjanijiet direzzjonali għat-tibdil operattiv u teknoloġiku essenzjali deskritt fil-Pjan Komprensiv tal-ATM, li jagħmilha possibbli li jiġu pprovduti servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru interoperabbli bis-sih fl-Unjoni, inklużi l-interfaċċji fil-konfini mal-pajjiżi terzi, bil-għan li jintlaħqu l-oġġettivi ta' prestazzjoni stabbiliti minn dan ir-Regolament;**

*Emenda*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 19

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

19. “kostitwenti” tfisser oġġetti tanġibbli bħal hardware u oġġetti intanġibbli bħal software li fuqhom tiddependi l-interoperabilità *tax-XEATA*;

#### *Emenda*

19. “kostitwenti” tfisser oġġetti tanġibbli bħal hardware u oġġetti intanġibbli bħal software li fuqhom tiddependi l-interoperabilità *tal-EATMN*;

## Emenda 35

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 19a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***19a. “Maniġer tal-Applikazzjoni” tfisser grupp ta’ partijiet interessati operazzjonali magħżula mill-Kummissjoni permezz ta’ sejħa għal proposti responsabbli għal-livell ta’ ġestjoni tal-governanza tal-applikazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM.***

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

24. “blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru” tfisser blokk tal-ajru ***bbażat fuq ir-rekwiżiti operattivi u*** stabbiliti irrispettivament mill-fruntieri tal-Istat, fejn il-forniment ta’ servizzi ta’ navigazzjoni tal-ajru u l-funzjonijiet relatati huma misjuqa mill-prestazzjoni u msaħħa ***bil-ħsieb li tidħol, f’kull blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, il-kooperazzjoni*** mtejba fost il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jew, fejn jixraq, fornitur integrat;

24. “blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru” tfisser blokk tal-ajru stabbiliti irrispettivament mill-fruntieri tal-Istat, fejn il-forniment ta’ servizzi ta’ navigazzjoni tal-ajru u l-funzjonijiet relatati huma misjuqa mill-prestazzjoni u msaħħa ***permezz ta’ kooperazzjoni*** mtejba fost il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jew, fejn jixraq, fornitur integrat;



## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 25a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**25a. “fattur uman” tfisser il-kundizzjonijiet soċjali, kulturali u tal-persunal fis-settur tal-ATM;**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fattur uman għandu jiġi mmonitorjat u mressaq lejn il-qalba tal-qafas SES, speċjalment fid-dawl tal-bidliet operazzjonali sinifikanti involuti fil-Pjan Komprensiv tal-ATM.*

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 31

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

31. “netwerk” tfisser xibka (netwerk) ta' rotot speċifiċi biex ikun iggwidat il-fluss tat-traffiku tal-ajru ġenerali kif ikun meħtieġ għall-forniment **ta'** servizzi ta' ATC ;

31. “netwerk” tfisser xibka (netwerk) ta' rotot speċifiċi biex ikun iggwidat il-fluss tat-traffiku tal-ajru ġenerali kif ikun meħtieġ għall-forniment **tal-iktar** servizzi **effiċjenti** ta' ATC ;

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

33. “sistema” tfisser l-aggregazzjoni ta' kostitwenti fl-ajru u dawk ibbażati fl-art, **kif ukoll** tagħmir ibbażat fl-ispazju, li ttiprovdi appoġġ għal servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għal fażijiet kollha ta' titjir;

33. “sistema” tfisser l-aggregazzjoni ta' kostitwenti fl-ajru **u/jew** dawk ibbażat fl-art **u/jew** tagħmir ibbażat fl-ispazju, li ttiprovdi appoġġ għal servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għal fażijiet kollha ta' titjir;

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 36

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

36. 'awtorità nazzjonali **ta' sorveljanza'** tfisser **il-korp jew il-korpi** nazzjonali **inkarigati** minn Stat Membru bil-kompiti **tas-sorveljanza skont** dan ir-Regolament u **l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti inkarigati bil-kompiti pprovduti fl-Artikolu 8b tar-Regolament** (KE0 Nru 216/2008;

#### *Emenda*

36. “awtorità nazzjonali **tal-avjazzjoni**” tfisser **korp** nazzjonali **inkarigat** minn Stat Membru **u akkreditat mill-EAA** bil-kompiti **pprovduti f'**dan ir-Regolament u **r-Regolament** (KE) Nru 216/2008;

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 37

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

37. "servizzi ta' appoġġ" tfisser **servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għajr servizzi tat-traffiku tal-ajru** kif ukoll servizzi u attivitajiet oħra, li huma marbuta mal-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, u li jappoġġawhom;

#### *Emenda*

37. “servizzi ta' appoġġ” tfisser **CNS (komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza), MET (meteoroloġiċi) u AIS (informazzjoni ajrunawtika)** kif ukoll servizzi u attivitajiet oħra, li huma marbuta mal-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, u li jappoġġawhom;

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 38a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

38a. “**sħubija industrijali**” tfisser **arranġamenti kooperattivi taħt kuntratt stabbilit għall-fini li tittejjeb il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bejn fornituri varji tas-servizz tan-navigazzjoni tal-ajru,**

#### *Emenda*

*inkluż il-Maniġer tan-Netwerk, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti jew atturi ekonomiċi komparabbli oħra;*

#### **Emenda 43**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 38b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*38b. “spazju tal-ajru operattiv integrat”  
tfisser l-ispazju tal-ajru kkontrollat  
b’dimensjonijiet iddefiniti li jinkludi l-  
ispazju tal-ajru Ewropew u, soġġett għal  
arranġamenti xierqa, tal-pajjiżi terzi tal-  
viċinat fejn jintużaw struttura ta’  
allokazzjoni dinamika u parteċipazzjoni  
fil-ħin, riżorsi tal-kontrolluri bi  
prestazzjoni mtejba, servizzi ta’  
navigazzjoni tal-ajru interoperabbli bis-  
sħiħ u soluzzjonijiet ikkombinati sabiex  
jiġi indirizzat l-użu ottimu, prevedibbli u  
sikur tal-ispazju tal-ajru għat-twertiq tal-  
Ajru Uniku Ewropew;*

#### **Emenda 44**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 38c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*38c. “pjanijiet lokali ta’ prestazzjoni”  
tfisser pjanijiet stabbiliti minn awtorità  
nazzjonali tal-avjazzjoni waħda jew aktar  
fil-livell lokali, prinċipalment fil-blokk tal-  
ispazju tal-ajru funzjonali, jew fil-livell  
reġjonali jew nazzjonali;*

#### **Emenda 45**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – punt 38d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**38d. “entità kkwalifikata” tfisser korp li jista’ jiġi assenjat kompiti ta’ ċertifikazzjoni jew sorveljanza speċifiċi mill-Aġenzija jew minn awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni, u taħt il-kontroll u r-responsabbiltà tagħhom.**

#### **Emenda 46**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Awtoritajiet superviżorji **nazzjonali**

Awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni**

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri, b’mod konġunt jew b’mod individwali, għandhom jew jaħtru jew jistabbilixxu korp **jew korpi** bħala awtorità nazzjonali **ta’ sorveljanza** biex tidħol għax-xogħlijiet assenjat lil din l-awtorità skont dan ir-Regolament .

1. L-Istati Membri, b’mod konġunt jew b’mod individwali, għandhom jew jaħtru jew jistabbilixxu korp bħala awtorità nazzjonali **tal-avjazzjoni** biex tidħol għax-xogħlijiet assenjat lil din l-awtorità skont dan ir-Regolament **u r-Regolament (KE) Nru 216/2008.**

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-awtoritajiet nazzjonali **ta’ sorveljanza** għandhom ikunu legalment distinti u indipendenti partikolarment f’termini

2. L-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandhom ikunu legalment distinti u indipendenti partikolarment f’termini

organizzattivi, ġerarkiċi u ta' teħid ta' deċiżjonijiet minn kull *fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew kull* entità privata jew *pubblika li għandha* interess fl-attivitajiet ta' dawn *il-fornituri* .

organizzattivi, ġerarkiċi u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, *inkluż l-allokkazzjoni separata tal-baġit annwali*, minn kull *kumpanija, organizzazzjoni*, entità *pubblika jew* privata jew *persunal li jaqgħu fl-ambitu tal-attività tal-awtorità kif previst f'dan ir-Regolament u fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jew li għandhom* interess fl-attivitajiet ta' dawn *l-entitajiet*.

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Bla preġudizzju għall-paragrafu 2, l-awtoritajiet nazzjonali *ta' sorveljanza* jistgħu jingħaqdu f'termini organizzattivi ma' korpi regolatorji u/jew awtoritajiet tas-sikurezza oħrajn.

*Emenda*

3. Bla preġudizzju għall-paragrafu 2, l-awtoritajiet nazzjonali *tal-avjazzjoni* jistgħu jingħaqdu f'termini organizzattivi ma' korpi regolatorji u/jew awtoritajiet tas-sikurezza oħrajn.

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtoritajiet nazzjonali ta' *sorveljanza li mhumiex legalment distinti minn kwalunkwe fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru jew entità privata jew pubblika li għandha* interess fl-attivitajiet ta' dawn *il-fornituri, kif ipprovdut fil-paragrafu 2, fid-*

*Emenda*

4. L-awtoritajiet nazzjonali *tal-avjazzjoni għandhom jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2017.*

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-awtoritajiet nazzjonali ***ta' sorveljanza*** għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, indipendenti u trasparenti. B'mod partikolari, għandhom ikollhom organizzazzjoni, persunal, ġestjoni u finanzjament tali li jippermettilhom jeżerċitaw setgħathom b'dak il-mod.

*Emenda*

5. L-awtoritajiet nazzjonali ***tal-avjazzjoni*** għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, indipendenti u trasparenti. B'mod partikolari, għandhom ikollhom organizzazzjoni, persunal, ġestjoni u finanzjament tali li jippermettilhom jeżerċitaw setgħathom b'dak il-mod.

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali ***ta' sorveljanza*** għandu:

*Emenda*

6. Il-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali ***tal-avjazzjoni*** għandu:

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jiġi rreklutat skont regoli ċari u trasparenti li jiggwarantixxu l-indipendenza tagħhom ***u fir-rigwars tal-persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi, jinħatar mill-kabinett nazzjonali jew mill-kunsill tal-ministri jew awtorità pubblika oħra li ma tikkontrollax direttament lill-fornituri tas-servizzi tal-ajru jew tibbenefika minnhom;***

*Emenda*

(a) jiġi rreklutat skont regoli ***u kriterji*** ċari u trasparenti li jiggwarantixxu l-indipendenza tagħhom;

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jingħażel bi proċedura trasparenti abbażi tal-kwalifiki speċifiċi tiegħu, ***fotshom kompetenza*** xierqa u esperjenza rilevanti, ***fost l-oħrajn fil-qasam tal-awditjar u s-servizzi u s-sistemi tan-navigazzjoni bl-ajru***;

*Emenda*

(b) jingħażel bi proċedura trasparenti abbażi tal-kwalifiki speċifiċi tiegħu, ***fosthom kompetenzi*** xierqa u esperjenza rilevanti;

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) m'għandux jiġi ssekondat mil-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru (ANSPs) jew kumpaniji taħt il-kontroll tal-ANSPs;***

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) jaġixxi indipendentament, ***partikolarment minn kull interess marbut mal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u m'għandux ifittex jew jieħu struzzjonijiet minn ebda gvern jew entità pubblika jew privata waqt it-tweqqi tal-funzjonijiet tal-awtorità *superviżorja* nazzjonali;***

(c) jaġixxi indipendentament ***u m'għandux ifittex jew jieħu struzzjonijiet minn ebda gvern jew entità pubblika jew privata waqt it-tweqqi tal-funzjonijiet tal-awtorità nazzjonali *tal-avjazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra;****

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) fir-rigward ta' persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi, awditi u funzjonijiet oħra marbuta direttament mas-sorveljanza jew mal-miri tal-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ma ***jkollhomx*** pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali ma' ebda mill-fornituri ***tas-servizi*** tan-navigazzjoni bl-ajru wara t-terminu tagħhom fl-awtorità nazzjonali ***ta' sorveljanza***, għal perjodu ta' ***mill-inqas sena***.

*Emenda*

(e) fir-rigward ta' persuni ***li jkun ilhom*** inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi, awditi u funzjonijiet oħra marbuta direttament mas-sorveljanza jew mal-miri tal-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ***għal iżjed minn sitt xhur***, ma ***jkollhom*** pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali ma' ebda mill-fornituri ***tas-servizzi*** tan-navigazzjoni bl-ajru wara t-terminu tagħhom fl-awtorità nazzjonali ***tal-avjazzjoni***, għal perjodu ta':

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 –punt e - punt i (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(i) mill-inqas 12-il xahar għall-persunal f'pożizzjonijiet maniġerjali;***

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt e – punt ii (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ii) mill-inqas 6 xhur għall-persunal f'pożizzjonijiet mhux maniġerjali.***

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ea) il-maniġment superjuri tal-awtorità se jinħatar għal terminu fiss ta' tlieta sa***



*seba' snin, li jiġġedded darba, u jista' jitneħħa mill-inkarigu matul it-terminu tiegħu biss jekk ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jew ikun ħati ta' kondotta ħażina skont il-liġi nazzjonali.*

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** ikollhom ir-riżorsi u l-kapaċitajiet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet l-kompiti li jingħatawllhom bis-saħħa ta' dan ir-Regolament b'mod effiċjenti u fil-ħin. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom ikollhom awtorità sħiħa fuq ir-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-persunal tagħhom ibbażata

#### *Emenda*

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** ikollhom ir-riżorsi u l-kapaċitajiet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet l-kompiti li jingħatawllhom bis-saħħa ta' dan ir-Regolament b'mod effiċjenti u fil-hin. The national **aviation** authorities shall have full authority over the recruitment and management of their staff based on their own appropriations stemming from inter alia route charges to be set in proportion to the tasks to be fulfilled by the authority in accordance with Article 4.

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza**, kif ukoll bil-bidliet li jsirulhom, u bil-miżuri meħuda biex tkun żgurata l-konformità ma' dan l-Artikolu .

#### *Emenda*

8. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni**, kif ukoll bil-bidliet li jsirulhom, u bil-miżuri meħuda biex tkun żgurata l-konformità ma' dan l-Artikolu.

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati li jstipulaw il-modlaitajiet tal-proċeduri tar-reklutaġġ u l-għażla għall-applikazzjoni tal-paragrafi 6(a) u (b). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).

#### *Emenda*

9. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati li jstipulaw il-modlaitajiet tal-proċeduri tar-reklutaġġ u l-għażla għall-applikazzjoni tal-paragrafi 6(a) u (b). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3), **u għandhom jispeċifikaw:**

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(a) il-livell ta' separazzjoni meħtieġ mill-awtorità tal-ħatra minn kwalunkwe kumpanija, organizzazzjoni, entità pubblika jew privata jew persunal li jaqgħu fl-ambitu tal-attività tal-awtorità kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jew li jkollhom interess fl-attivitàjiet ta' dawn l-entitajiet, bil-għan li jinżamm bilanċ bejn l-evitar ta' kunflitti ta' interess u l-effiċjenza amministrattiva;**

## Emenda 65

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt b (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(b) kwalifiki tekniċi rilevanti meħtieġa tal-persunal involut fl-awdit.**

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kompiti għall-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza**

*Emenda*

Kompiti għall-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni**

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza imsemmija fl-Artikolu 3** għandhom ikunu inkarigati partikolarment bil-kompiti li ġejjin:

*Emenda*

1. L-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandhom ikunu inkarigati partikolarment bil-kompiti li ġejjin:

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jiżguraw is-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari rigward l-operat sikur u effiċjenti tal-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni bl-ajru li jipprovdu servizzi konnessi mal-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li ħatru jew stabbilew l-awtorità rilevanti;

*Emenda*

(a) jiżguraw is-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament **u r-Regolament (KE) Nru 216/2008**, b'mod partikulari rigward l-operat sikur u effiċjenti tal-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni bl-ajru li jipprovdu servizzi konnessi mal-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li ħatru jew stabbilew l-awtorità rilevanti;

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(b) l-għoti ta' ċertifikati lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru skont l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u s-sorveljanza tal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħta jkunu ngħataw;**

*Emenda*

**(b) it-twettiq jew id-delega, bis-sħiħ jew parzjalment, tal-kompiti elenkati fl-Artikoli 8b, 8c u 10 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, u t-twettiq tal-kompitu li tiġi żgurata s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-operat sikur u effiċjenti tal-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru relatati mal-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri;**

## **Emenda 70**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(c) il-ħruġ ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet, approvazzjonijiet u ċertifikati lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u s-sorveljanza tal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħtha jkunu ngħataw;**

*Emenda*

**imħassar**

## **Emenda 71**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(e) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-i**

*Emenda*

**(e) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-iskema tal-ħlasijiet f'konformità mal-Artikoli 12 u 13, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar sussidjar reċiproku msemmija fl-Artikolu 13(7);**

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ga) ir-rappurtar kull sena lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, lill-EAA u lill-Kummissjoni dwar l-attività tagħhom u l-qadi ta' dmirijiethom. Dawn ir-rapporti għandhom ikopru l-passi li ttieħdu u r-riżultati li nkisbu fir-rigward ta' kull wieħed mill-kompiti elenkati f'dan l-Artikolu.*

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Kull awtorità nazzjonali **ta' sorveljanza** għandha torganizza spezzjonijiet u stħarriġ xierqa biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-fornitur ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru konċernat għandu jiffaċilita tali xogħol.

2. Kull awtorità nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandha torganizza spezzjonijiet u stħarriġ xierqa biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-fornitur ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru konċernat għandu jiffaċilita tali xogħol **u l-Istat Membru rilevanti għandu joffri l-assistenza kollha meħtieġa biex tiġi żgurata l-effettività tal-monitoraġġ tal-konformità.**

## Emenda 74

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** għandhom ipartu t-tagħrif dwar ħidmiethom u dwar il-prinċipji, prattiki u proċeduri tagħhom għat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Għandhom jikkooperaw għall-għan tal-koordinazzjoni tat-teħid tagħhom tad-deċiżjonijiet mal-Unjoni kollha. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom jipparteċipaw u jaħdmu flimkien f'network li jiltaqa' regolarment. **Il-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "EAA") għandhom ikunu membri, jikkoordinaw u japoġġaw ix-xogħol tan-network u jagħmlu rakkomandazzjonijiet lin-network, kif xieraq.** Il-Kummissjoni u l-EEA għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni attiva tal-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** u l-iskambji u l-użu tal-persunal bejn l-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza bbażati fuq grupp ta' esperti li għandu jitwaqqaf mill-EAA skont l-Artikolu 17(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.**

#### *Emenda*

L-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandhom ipartu t-tagħrif dwar ħidmiethom u dwar il-prinċipji, prattiki u proċeduri tagħhom għat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Għandhom jikkooperaw għall-għan tal-koordinazzjoni tat-teħid tagħhom tad-deċiżjonijiet mal-Unjoni kollha. L-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandhom jipparteċipaw u jaħdmu flimkien f'network li jiltaqa' regolarment **u tal-inqas darba fis-sena.** Il-Kummissjoni u l-EEA għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni attiva tal-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** u l-iskambji u l-użu tal-persunal bejn l-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni.**

*Dak in-network jista', inter alia:*

*(a) jipproduċi u jxerred metodoloġiji u linji gwida ssimplifikati għall-implimentazzjoni tal-kompiti tal-awtorità elenkati fl-Artikolu 4;*

*(b) jipprovdi assistenza lil awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni individwali dwar kwistjonijiet regolatorji;*

*(c) jipprovdi opinjonijiet lill-Kummissjoni u lill-EAA dwar it-tfassil ta' regoli u ċ-ċertifikazzjoni;*

*(d) jipprovdi opinjonijiet, linji gwida u rakkomandazzjonijiet maħsuba għall-*

*iffaċilitar ta' forniment transkonfinali tas-servizz;*

*(e) jiżviluppa soluzzjonijiet komuni li għandhom jiġu implimentati f'żewġ Stati jew iktar biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Pjan Komprensiv tal-ATM jew il-Konvenzjoni ta' Chicago.*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan u l-kompiti tan-netwerk iridu jiġu definiti aktar fid-dettall. B'mod speċifiku, minbarra l-kompiti tal-NSA skont l-Artikolu 4, din għandha tkun f'pożizzjoni tajba biex tidentifika ostakli għall-forniment transkonfinali ta' servizzi, kemm bil-għan li jiġu solvuti każijiet bilaterali kif ukoll biex jingħata parir lill-Kummissjoni dwar it-tfassil ta' regoli.*

### **Emenda 76**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Soġġett għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta pprovduti ***fl-Artikolu 22 ta'*** dan ir-Regolament u fir-Regolament (KE) ***Nru 45/2001***, il-Kummissjoni għandha ***tappoġġa l-iskambju*** tal-informazzjoni ***msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu*** fost il-membri tan-netwerk, ***possibbilment*** permezz ta' ***ghododa*** elettroniċi, fir-rispett tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti tan-negozju ***tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru***.

##### *Emenda*

Soġġett għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta pprovduti ***fl-Artikolu 22 ta'*** dan ir-Regolament u fir-Regolament (KE) ***Nru 45/2001***, il-Kummissjoni għandha ***tipprovdi pjattaforma għall-iskambju*** tal-informazzjoni ***bejn*** il-membri tan-netwerk, ***possibbilment*** permezz ta' ***għodod*** elettroniċi, fir-rispett tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti tan-negozju ***tal-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet jew l-entitajiet involuti***.

### **Emenda 77**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet nazzjonali ***ta' sorveljanza*** għandhom jikkooperaw mill-qrib, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' xogħol, għall-

##### *Emenda*

2. L-awtoritajiet nazzjonali ***tal-avjazzjoni*** għandhom jikkooperaw mill-qrib, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' xogħol, għall-

iskopijiet ta' assistenza reċiproka fl-inkarigi tagħhom ta' monitoraġġ u t-trattament ta' investigazzjonijiet u sħarrijiet.

iskopijiet ta' assistenza reċiproka fl-inkarigi tagħhom ta' monitoraġġ u t-trattament ta' investigazzjonijiet u sħarrijiet.

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fir-rigward ta' blokok funzjonali ta' spazju tal-ajru **li jestendu min-naħa għall-oħra tal-ispace tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' aktar minn Stat Membru wieħed**, l-Istati Membri konċernati għandhom jikkonkludu ftehim dwar is-sorveljanza li jipprovdi għalih **dan l-Artikolu** rigward il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jipprovdu servizzi konnessi ma' dawk il-blokok. L-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** kkonċernati għandhom jistabbilixxu pjan li jispeċifika l-modalitajiet tal-kooperazzjoni tagħhom bil-għan li jagħti seħħ lil dan il-ftehim.

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** għandhom jikkoperaw mill-qrib biex jiżguraw sorveljanza adegwata fuq il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jkollhom ċertifikat validu minn Stat Membru li wkoll jipprovdi servizzi konnessi mal-ispace tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor. Kooperazzjoni tali għandha tinkludi arranġamenti għat-trattament ta' każijiet li jinvolvu non-konformità ma' dan ir-Regolament u mar-rekwiżiti komuni

#### *Emenda*

3. Fir-rigward ta' blokok funzjonali ta' spazju tal-ajru, l-Istati Membri konċernati għandhom jikkonkludu ftehim dwar is-sorveljanza li jipprovdi għalih **fl-Artikolu 4** rigward il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jipprovdu servizzi konnessi ma' dawk il-blokok. L-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** kkonċernati għandhom jistabbilixxu pjan li jispeċifika l-modalitajiet tal-kooperazzjoni tagħhom bil-għan li jagħti seħħ lil dan il-ftehim.

#### *Emenda*

4. L-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** għandhom jikkoperaw mill-qrib biex jiżguraw sorveljanza adegwata fuq il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jkollhom ċertifikat validu minn Stat Membru li wkoll jipprovdi servizzi konnessi mal-ispace tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor. Kooperazzjoni tali għandha tinkludi arranġamenti għat-trattament ta' każijiet li jinvolvu non-konformità ma' dan ir-Regolament u mar-rekwiżiti komuni



applikabbli adottati konformi mal-Artikolu 8b(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 .

applikabbli adottati konformi mal-Artikolu 8b(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 .

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Fil-każ tal-provvista ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fi spazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor , l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandhom jinkludu ftehim dwar l-għarfien reċiproku tal-ħidma ta' sorveljanza stipulat fl-Artikolu 4(1) u (2) u tar-riżultati ta' din il-ħidma. Dan l-għarfien reċiproku japplika wkoll meta l-arranġamenti għall-għarfien bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jitwettqu għall-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizz.

#### *Emenda*

5. Fil-każ tal-provvista ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fi spazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor , l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jinkludu ftehim dwar l-għarfien reċiproku tal-ħidma ta' sorveljanza stipulat fl-Artikolu 4(1) u (2) u tar-riżultati ta' din il-ħidma. Dan l-għarfien reċiproku japplika wkoll meta l-arranġamenti għall-għarfien bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jitwettqu għall-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizz.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-għarfien reċiproku huwa importanti wkoll fir-rigward tal-FABs*

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Meta jkun permess mil-liġi u bil-għan li jkun hemm kooperazzjoni reġjonali, l-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** jistgħu jikkonkludu wkoll ftehim li dwar il-qsim tar-responsabilitajiet fir-rigward tal-kompiti ta' sorveljanza.

#### *Emenda*

6. Meta jkun permess mil-liġi u bil-għan li jkun hemm kooperazzjoni reġjonali, l-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** jistgħu jikkonkludu wkoll ftehim li dwar il-qsim tar-responsabilitajiet fir-rigward tal-kompiti ta' sorveljanza.

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** jistgħu jiddeċiedu li jiddelegaw, b'mod sħiħ jew b'mod parzjali, l-ispezzjonijiet u **l-istħarriġ imsemmija fl-Artikolu 4 (2)** lil entitajiet kwalifikati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati **fl-Anness I**.

#### *Emenda*

1. **L-EAA u** l-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** jistgħu jiddeċiedu li jiddelegaw, b'mod sħiħ jew b'mod parzjali, l-ispezzjonijiet, **l-istħarriġ u kompiti oħra previsti minn dan ir-Regolament** lil entitajiet kwalifikati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati **fl-Anness I**.

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Delega tali **mogħtija minn awtorità nazzjonali ta' sorveljanza** għandha tkun valida ġewwa **l-Unjoni** għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded. L-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** jistgħu jagħtu struzzjonijiet lil kull waħda mill-entitajiet kwalifikati li qegħdin fl-Unjoni biex jidħlu għal dawn l-ispezzjonijiet u sħarriġ.

#### *Emenda*

2. Delega tali għandha tkun valida ġewwa **l-Unjoni** għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded. **L-EAA u** l-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** jistgħu jagħtu struzzjonijiet lil kull waħda mill-entitajiet kwalifikati li qegħdin fl-Unjoni biex jidħlu għal dawn l-ispezzjonijiet u sħarriġ.

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. **L-Istati Membri** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, **l-EAA u** lill-Istati Membri **l-oħra bl-entitajiet** kwalifikati li jkunu ddelegawhom kompiti skont **il-paragrafu 1** filwaqt li jindikaw il-qasam ta' responsabbilita ta' kull entità **u n - numru ta'** identifikazzjoni tiegħu u kull bidla f'dan ir-rigward . Il-Kummissjoni

#### *Emenda*

3. **L-EAA u l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri **l-oħra u, jekk applikabbli, lill-EAA, bl-entitajiet** kwalifikati li jkunu ddelegawhom kompiti skont **il-paragrafu 1**, filwaqt li jindikaw il-qasam ta' responsabbilita ta' kull entità **u n-numru ta'** identifikazzjoni tiegħu u

għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali - tal-Unjoni Ewropea l-lista tal- entitajiet kwalifikati korpi, in-numru ta' identifikazzjoni u l-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom, u għandha żżomm il-lista aġġornata.

kull bidla f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali - tal-Unjoni Ewropea l-lista tal- entitajiet kwalifikati korpi, in-numru ta' identifikazzjoni u l-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom, u għandha żżomm il-lista aġġornata.

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. **L-Istati Membri** għandhom jiritiraw id-delega ta' entità kkwalifikata li m'għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti stipulati **I** fl-Anness **I**. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni, l-EAA u lill-Istati Membri l-oħra.

*Emenda*

4. **L-EAA u l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni** għandhom jiritiraw id-delega ta' entità kkwalifikata li m'għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Anness **I**. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni, l-EAA u lill-Istati Membri l-oħra.

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet nazzjoni **ta' sorveljanza**, filwaqt li jaġixxu skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni għall-involviment xieraq tal-partijiet interessati, inklużi l-korpi rappreżentattivi tal-istaff professjonali għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom, fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew.

*Emenda*

1. L-awtoritajiet nazzjoni **tal-avjazzjoni**, filwaqt li jaġixxu skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni għall-involviment xieraq tal-partijiet interessati, inklużi l-korpi rappreżentattivi tal-istaff professjonali għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom, fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew.

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-forniment tas-servizzi kollha ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Unjoni għandu jkun suġġett għal ċertifikazzjoni minn, jew dikjarazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** jew l-EEA skont l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 .

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-ħruġ ta' ċertifikati għandu jikkonferixxi fuq il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru l-possibbiltà li joffru s-servizzi tagħhom **lill-fornituri** oħra ta' navigazzjoni tal-ajru, utenti ta' spazju tal-ajru u **ajruporti fl-Unjoni . Fir-rigward tas-servizz ta'a poġġ, din il-possibbiltà hija soġġetta għall-konformità mal-Artikolu 10(2).**

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Rigward il-blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 16 **li jestendu ruħhom min-naħa għall-oħra tal-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà responsabbiltà ta' aktar minn Stat Membru wieħed**, l-Istati Membri kkonċernati għandhom b'mod konġunt jinnominaw fornitur ta' servizz tal-ispazju tal-ajru jew aktar minn wieħed, **tal-anqas**

*Emenda*

1. Il-forniment tas-servizzi kollha ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Unjoni għandu jkun suġġett għal ċertifikazzjoni minn, jew dikjarazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** jew l-EEA skont l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 .

*Emenda*

4. Il-ħruġ ta' ċertifikati għandu jikkonferixxi fuq il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru l-possibbiltà li joffru s-servizzi tagħhom **lil kwalunkwe Stat Membru, lil fornituri** oħra ta' navigazzjoni tal-ajru, utenti ta' spazju tal-ajru u **ajruporti fl-Unjoni u pajjiżi terzi tal-viċinat, jekk ikun xieraq, fi blokko funzjonali tal-ispazju tal-ajru, soġġetti għal ftehim reċiproku bejn il-partijiet rilevanti.**

*Emenda*

5. Rigward il-blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 16 l-Istati Membri kkonċernati għandhom b'mod konġunt jinnominaw, **skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu**, fornitur ta' servizz tal-ispazju tal-ajru jew aktar minn wieħed, **tal-anqas** xahar qabel l-implementazzjoni tal-blokk tal-ispazju tal-

xahar qabel l-implimentazzjoni tal-blokk tal-ispazju tal-ajru.

ajru.

**Emenda 90**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li, skont dan l-Artikolu, **il-fornituri** tas-servizzi ta' appoġġ **ikunu jistgħu** jikkompetu fi ħdan l-Unjoni abbażi ta' kundizzjonijiet ekwitabbli, **non-diskriminatorji u trasparenti** għall-għan tal-forniment ta' dawn is-servizzi.

***Ir-rekwiżit stipulat f'dan l-Artikolu għandu jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2020.***

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li ***l-forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru jkun separat mill-forniment ta' servizzi ta' appoġġ. Din is-separazzjoni għandha tinkludi r-rekwiżit li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' appoġġ ikunu pprovduti minn impriżi separati.***

3. Fl-għażla ***tal-fornitur tas-servizzi*** ta' appoġġ, għandhom ***jitqiesu, mill-entità*** li tkun qed takkwista dawn is-servizzi, ***partikolarment il-kosteffikaċija, il-kwalità u s-sikurezza kumplessiva tas-servizzi.***

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li, skont dan l-Artikolu, ***ma jkunx hemm impedimenti statutorji għall-fornituri*** tas-servizzi ta' appoġġ ***li jipprevjenu l-abilità tagħhom li*** jikkompetu fi ħdan l-Unjoni abbażi ta' kundizzjonijiet ekwitabbli, ***nondiskriminatorji u trasparenti*** għall-għan tal-forniment ta' dawn is-servizzi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li ***l-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni, meta jfasslu l-pjanijiet tan-negożju tagħhom, isejħu għal offerti minn fornituri differenti ta' appoġġ għas-servizzi, bl-għan li jagħżlu l-aktar fornitur ta' benefiċċju mil-lat finanzjarju u kwalitattiv. Il-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni previst fl-Artikolu 11(2) għandu, meta jevalwa l-pjanijiet tal-prestazzjoni, jissorvelja l-livell ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.***

3. Fl-għażla ta' ***fornitur estern ta' servizzi ta' appoġġ, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE. B'mod partikolari, il-kosteffikaċja u l-effiċjenza tal-enerġija, il-kwalità kumplessiva tas-servizzi, l-interoperabilità u s-sikurezza tas-servizzi, kif ukoll it-trasparenza tal-proċess tal-akkwist għandhom ikunu kriterji vinkolanti ta'***

4. Fornitur ta' servizzi ta' apoġġ jista' jingħażel biss biex jipprovdi servizzi fl-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru, meta

a) ikun ċertifikat skont skont l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

((b) il-post prinċipali tan-negozju tiegħu ikun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru;

(c) Stati Membri u/jew ċittadini ta' Stati Membri ikollhom id-dritt ta' proprjetà fuq aktar minn 50 % tal-impriża u effettivament jikkontrollawha, sew direttament jew indirettament permezz ta' impriża intermedja waħda jew aktar, ħlief kif previst fi ftehim ma' pajjiż terz li għalih l-Unjoni tkun parti; and

(d) il-fornitur tas-servizz iwettaq ir-rekwiżiti nazzjonali għas-sigurtà u d-difiża.

5. Servizzi ta' appoġġ marbuta mal-operazzjonijiet tal-EATMN jistgħu jiġu pprovduti b'mod ċentralizzata mill-Maniġer tan-Netwerk billi jiżdiedu dawn is-servizzi mas-servizzi msemija fl-Artikolu 17(2), skont l-Artikolu 17(3). Jistgħu wkoll jiġu pprovduti fuq bażi esklussiva minn fornitur ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru jew gruppi ta' dawn il-fornituri, partikolarment dawk relatati mal-forniment ta' infrastrutturi ATM. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-modalitajiet għall-għażla tal-fornituri jew il-gruppi tagħhom, abbażi tal-kapaċità u l-ħila professjonali tagħhom biex jipprovdu servizzi b'mod imparzjali u kosteffikaċi, u tistabbilixxi valutazzjoni kumplessiva tal-kosti u l-benefiċċji stmati għall-forniment tas-servizzi tal-appoġġ b'mod ċentralizzata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 27(3). Il-Kummissjoni għandha tinnomina fornituri jew gruppi tagħhom skont dawn l-atti ta' implimentazzjoni.

*għażla għall-entità* li tkun qed takkwista dawn is-servizzi.

4. Fornitur ta' servizzi ta' apoġġ jista' jingħażel biss biex jipprovdi servizzi fl-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru, meta

(a) ikun ċertifikat skont skont l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(b) il-post prinċipali tan-negozju tiegħu ikun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru;

(c) Stati Membri u/jew ċittadini ta' Stati Membri ikollhom id-dritt ta' proprjetà fuq aktar minn 50 % tal-impriża u effettivament jikkontrollawha, sew direttament jew indirettament permezz ta' impriża intermedja waħda jew aktar, ħlief kif previst fi ftehim ma' pajjiż terz li għalih l-Unjoni tkun parti; and

(d) il-fornitur tas-servizz iwettaq ir-rekwiżiti nazzjonali għas-sigurtà u d-difiża.

5. Servizzi ta' appoġġ marbuta mal-operazzjonijiet tal-EATMN jistgħu jiġu pprovduti b'mod ċentralizzata mill-Maniġer tan-Netwerk billi jiżdiedu dawn is-servizzi mas-servizzi msemija fl-Artikolu 17(2), skont l-Artikolu 17(3). Jistgħu wkoll jiġu pprovduti fuq bażi esklussiva minn fornitur ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru jew gruppi ta' dawn il-fornituri, partikolarment dawk relatati mal-forniment ta' infrastrutturi ATM. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-modalitajiet għall-għażla tal-fornituri jew il-gruppi tagħhom, abbażi tal-kapaċità u l-ħila professjonali tagħhom biex jipprovdu servizzi b'mod imparzjali u kosteffikaċi, u tistabbilixxi valutazzjoni kumplessiva tal-kosti u l-benefiċċji stmati għall-forniment tas-servizzi tal-appoġġ b'mod ċentralizzata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 27(3). Il-Kummissjoni għandha tinnomina fornituri jew gruppi tagħhom skont dawn l-atti ta' implimentazzjoni.

*5a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli ddettaljati li jistabbilixxu l-modalitajiet għall-għażla ta' servizzi koperti minn dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).*

*5b. Il-Kummissjoni se twettaq studju komprensiv dwar l-impatti operazzjonali, ekonomiċi, fuq is-sikurezza u s-soċjetà tal-introduzzjoni tal-prinċipji tas-suq fuq il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2016. L-istudju se jqis l-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM u l-impatt tat-teknoloġiji tal-SESAR fuq is-settur tas-servizzi ta' appoġġ.*

## **Emenda 91**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) miri ta' **prestazzjoni fl-Unjoni u miri ta'** prestazzjoni lokali assoċjati dwar l-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u **l-effiċjenza tan-nefqa**;

*Emenda*

(a) miri ta' prestazzjoni **fl-Unjoni u miri ta' prestazzjoni** lokali assoċjati dwar l-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u **l-kosteffiċjenza f'konformità mal-għanijiet ta' livell għoli ta' Pjan Komprensiv tal-ATM fiss għal perjodu ta' referenza sħiħ**;

## **Emenda 92**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-pjani **nazzjonali jew il-pjani għal blokko tal-ispazju tal-ajru funzjonali**, fosthom il-miri ta' prestazzjoni, l-iżgurar

*Emenda*

(b) il-pjani **tal-prestazzjoni lokali**, fosthom il-miri ta' prestazzjoni, l-iżgurar ta' konformità mal-miri ta' prestazzjoni fl-

ta' konformità mal-miri ta' prestazzjoni fl-Unjoni kollha u lokali assoċjati ; and

Unjoni kollha u lokali assoċjati; and

### Emenda 93

#### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha tinnomina korp indipendenti, imparzjali u kompetenti biex jaġixxi bħala 'korp ta' analiżi tal-prestazzjoni'. Ir-rwol tal-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni għandu jkun li jassisti lill-Kummissjoni f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza**, u biex jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali ta' **sorveljanza, meta jiġi mitlub, fl-implimentazzjoni tal-iskema** ta' prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Assistenza teknika **lill-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni jista' jiġi pprovdut** mill-EAA u l-Eurocontrol jew entità kompetenti **oħra**.

##### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tinnomina korp indipendenti, imparzjali u kompetenti biex jaġixxi bħala 'korp ta' analiżi tal-prestazzjoni' (**PRB**). **Il-PRB għandu jiġi stabbilit bħala regolatur ekonomiku Ewropew taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni, b'effett mill-1 ta' Lulju 2015**. Ir-rwol tal-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni għandu jkun li jassisti lill-Kummissjoni f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni**, u biex jassisti **u jissorvelja** lill-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni fl-implimentazzjoni ta' l-iskema** ta' prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. **Il-PRB għandu jiġi separat funzjonalment u legalment minn kwalunkwe fornitur tas-servizz, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell pan-Ewropew**. Assistenza teknika **lill-PRB tista' tiġi pprovduta** mill-EAA, **mill-Maniġer tan-Netzwerk**, l-Eurocontrol jew **minn** entità kompetenti **oħra**.

### Emenda 94

#### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-pjanijiet **nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali** msemmija **fil-paragrafu 1(b)** għandhom jitfasslu mill-awtoritajiet nazzjonali **ta' sorveljanza** u adottati mill-Istat Membru/mill-Istati Membri. Dawn il-pjani għandhom jinkludu

##### *Emenda*

3. Il-pjanijiet **tal-prestazzjoni lokali** msemmija **fil-punt (b) tal-paragrafu 1** għandhom jitfasslu mill-awtoritajiet nazzjonali **tal-avjazzjoni** u **jiġu** adottati mill-Istat Membru/mill-Istati Membri. Dawn il-pjani għandhom jinkludu



miri lokali vinkolanti u skema ta' inċentivi xierqa kif adottata mill-Istat Membru/mill-Istati Membri. L-abbozzar tal-pjani għandu jkun suġġett għal konsultazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, mar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u, fejn rilevanti, mal-operaturi tal-ajruporti u l-koordinaturi tal-ajruporti.

miri lokali vinkolanti u skema ta' inċentivi xierqa kif adottata mill-Istat Membru/mill-Istati Membri. L-abbozzar tal-pjani għandu jkun suġġett għal konsultazzjoni **mal-Kummissjoni, mal-PRB**, mal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, mar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u, fejn rilevanti, mal-operaturi tal-ajruporti u l-koordinaturi tal-ajruporti.

## Emenda 95

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-konformità **tal-miri nazzjonali jew** tal-pjani u l- miri lokali **tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali** mal-miri ta' prestazzjoni fl-Unjoni kollha għandha tiġi **evalwata f'kooperazzjoni mal-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni** .

##### *Emenda*

Il-konformità tal-pjanijiet u l-miri lokali **tal-prestazzjoni** mal-miri ta' prestazzjoni fl-Unjoni kollha għandha tiġi **evalwata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-PRB**.

## Emenda 96

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-każ li l-Kummissjoni **tiskopri** li l-pjani **għall-blokk nazzjonali jew funzjonali tal-ispazju tal-ajru jew** il-miri lokali ma jikkonformawx mal- kriterji għall-Unjoni kollha , tista' teħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(2)

##### *Emenda*

Fil-każ li l-Kummissjoni **tiddetermina** li l-pjani **tal-prestazzjoni lokali** jew il-miri lokali ma jikkonformawx mal-kriterji għall-Unjoni kollha, tista' teħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(2)

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet regolari fir-rigward tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni u lokali assoċjati .

#### *Emenda*

6. Il-Kummissjoni *u l-EAA, flimkien mal-PRB*, għandha twettaq valutazzjonijiet regolari fir-rigward tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni u lokali assoċjati.

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-ġbir, il-validazzjoni, l-eżami, l-evalwazzjoni u t-tixrid tad- dejta rilevanti marbuta mal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u mas-servizzi tan-network mill-partijiet rilevanti kollha, inklużi l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Eurocontrol;

#### *Emenda*

(a) il-ġbir, il-validazzjoni, l-eżami, l-evalwazzjoni u t-tixrid tad- dejta rilevanti marbuta mal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u mas-servizzi tan-network mill-partijiet rilevanti kollha, inklużi l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Eurocontrol;

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-għażla ta' oqsma elwenin ta' prestazzjoni xierqa fuq il-bażi tad-Dokument ICAO Nru 985 'Global air traffic management operational concept' , u f'konsistenza mal-Qafas ta' Rendiment tal-Pjan Komprensiv tal-ATM, inklużi l-oqsma tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-effiċjenza fl-ispiża, adattati, fejn xieraq,

#### *Emenda*

(b) l-għażla ta' oqsma elwenin ta' prestazzjoni xierqa fuq il-bażi tad-Dokument ICAO Nru 985 'Global air traffic management operational concept' , u f'konsistenza mal-Qafas ta' Rendiment tal-Pjan Komprensiv tal-ATM, inklużi l-oqsma tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-effiċjenza fl-ispiża, adattati, fejn xieraq,

sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Ajru uUniku Ewropew u l-objettivi rilevanti għal dawn l-oqsma u d-definizzjoni ta' sett limitat ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin għall-kejl tal-prestazzjoni;

sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Ajru uUniku Ewropew u l-objettivi rilevanti għal dawn l-oqsma u d-definizzjoni ta' sett limitat ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin għall-kejl tal-prestazzjoni.  
***Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-indikaturi tal-prestazzjoni tas-sikurezza;***

## **Emenda 100**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt c**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-iffissar u r-reviżjoni ta' miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni u lokali assoċjati, li japplikaw , li għandhom jiġu definiti filwaqt li jitqiesu l-inputs identifikati fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokko tal-ispazju tal-ajru funzjonali;

##### *Emenda*

(c) l-iffissar u r-reviżjoni ta' miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni u lokali assoċjati, li japplikaw , li għandhom jiġu definiti filwaqt li jitqiesu l-inputs identifikati fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokko tal-ispazju tal-ajru funzjonali. ***miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti bil-għan li jiżguraw li kull blokka tal-ispazju tal-ajru funzjonali iżomm biżżejjed flessibilità biex tikseb l-aħjar riżultati;***

##### *Ġustifikazzjoni*

*Hemm ħtieġa li jingħata impetu lill-blokko tal-ispazju tal-ajru funzjonali għal prestazzjoni aħjar filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-miri tal-Unjoni ma jneħħux il-flessibilità meħtieġa biex jinkisbu riżultati aħjar.*

## **Emenda 101**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt d – parti introduttorja**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-kriterji għall-iffissar, mill-awtoritajiet ***superviżorji*** nazzjonali, ta' pjani tal-prestazzjoni ***nazzjonali jew tal-blokko tal-ispazju tal-ajru funzjonali***, li jkun fihom

##### *Emenda*

(d) il-kriterji għall-iffissar, mill-awtoritajiet nazzjonali ***tal-avjazzjoni***, ta' pjani tal-prestazzjoni ***lokali***, li jkun fihom il-miri ta' prestazzjoni lokali u l-iskema ta' inċentivi.

il-miri ta' prestazzjoni lokali u l-iskema ta' inċentivi. Il-pjani tal-prestazzjoni għandhom:

Il-pjani tal-prestazzjoni għandhom:

### Emenda 102

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt d – punt i

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) ikunu bbażati fuq pjani kummerċjali tal-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru;

##### *Emenda*

(i) ikunu bbażati fuq pjani kummerċjali tal-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, ***li min-naħa tagħhom għandhom jikkunsidraw l-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM;***

### Emenda 103

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt e

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-valutazzjoni tal-miri lokali fuq il-bażi tal-pjan ***nazzjonali jew tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali;***

##### *Emenda*

(e) il-valutazzjoni tal-miri lokali fuq il-bażi tal-pjan ***tal-prestazzjoni lokali;***

### Emenda 104

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt f

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-monitoraġġ tal-pjani ta' prestazzjoni ***nazzjonali jew tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali,*** inklużi mekkaniżmi ta' twissija xierqa.

##### *Emenda*

(f) il-monitoraġġ tal-pjani ta' prestazzjoni ***lokali,*** inklużi mekkaniżmi ta' twissija xierqa;

### Emenda 105

#### Proposta għal regolament

## Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) kriterji biex jimponu sanzjonijiet għan-non-konformità mal-miri ta' prestazzjoni li japplikaw għall-Unjoni kollha u lokali assoċjati matul il-perjodu ta' referenza u biex jiġu appoġġjati l-mekkaniżmi ta' twissija;

*Emenda*

(g) kriterji biex jimponu sanzjonijiet **u mekkaniżmi ta' kumpens** għan-non-konformità mal-miri ta' prestazzjoni li japplikaw għall-Unjoni kollha u lokali assoċjati matul il-perjodu ta' referenza u biex jiġu appoġġjati l-mekkaniżmi ta' twissija;

*Ġustifikazzjoni*

*Minbarra l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet, għandu jiġi stabbilit ukoll mekkaniżmu ta' kumpens xieraq sabiex tiġi indirizzata l-problema li ġejja min-nuqqas ta' sinkronizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-SESAR u l-investment mitluf minħabba fiha.*

## Emenda 106

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 26 sabiex tistipula r-egoli dettaljati għall-finanzjament xieraq tal-iskema tal-prestazzjoni skont il-punti elenkati f'dan il-paragrafu.

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 26 sabiex **tadotta l-miri ta' prestazzjoni li japplikaw għall-Unjoni kollha u** tistipula r-egoli dettaljati għall-finanzjament xieraq tal-iskema tal-prestazzjoni skont il-punti elenkati f'dan il-paragrafu.

## Emenda 107

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a. Il-Kummissjoni għandha twettaq studju dwar l-impatt li l-imġiba ta' atturi mhux ANSP fis-sistema tal-ATM, pereżempju operaturi tal-ajruport,**

*koordinaturi tal-ajruport u operaturi tat-trasport bl-ajru, jista' jkollha fuq il-funzjonament effiċjenti tan-netwerk Ewropew tal-ATM.*

*L-ambitu tal-istudju għandu jkopri iżda, ma jkunx limitat fl-ambitu għal:*

*(a) l-identifikazzjoni ta' atturi mhux ANSP fis-sistema tal-ATM, li kapaċi tinfluwenza l-prestazzjoni tan-netwerk;*

*(b) l-effett li tali imġiba tal-atturi għandha fuq il-prestazzjoni tal-ANS fir-rigward tal-oqsma elwenin ta' prestazzjoni (KPAs) dwar is-sikurezza, l-ambjent u l-kapaċità;*

*(c) il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' indikaturi tal-prestazzjoni u indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin għal dawn l-atturi;*

*(d) kwalunkwe benefiċċju għan-netwerk Ewropew tal-ATM li jista' jinkiseb mill-implimentazzjoni ta' indikaturi tal-prestazzjoni addizzjonali u indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin; U kwalunkwe ostaklu għall-kisba tal-aqwa prestazzjoni.*

*L-istudju għandu jibda mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandu jitlestha mhux aktar tard minn 12-il xahar wara; l-output tiegħu għandu mbagħad jitqies mill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jiġi estiż l-ambitu tal-iskema tal-prestazzjoni biex jinkludi kwalunkwe indikatur tal-prestazzjoni addizzjonali u kwalunkwe indikatur tal-prestazzjoni ewlieni għall-perjodi ta' referenza futuri, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-Iskema tal-Prestazzjoni tiffoka l-aktar fuq fornituri tas-servizz bħala l-atturi prinċipali fis-sistema tal-ATM. Huwa evidenti li atturi oħra fis-sistema għandhom il-kapaċità li jaffettwaw l-eżiti tal-prestazzjoni tul in-netwerk Ewropew tal-ATM. Għalhekk il-Kummissjoni, appoġġata mill-PRB, għandha twettaq studju biex tifhem kif atturi oħra tal-ATM iħallu impatt fuq il-prestazzjoni tan-netwerk bil-għan li tiżviluppa KPIs u PIs addizzjonali għal dawk l-atturi għall-implimentazzjoni f'Perjodi ta' Referenza futuri tal-Iskema.*

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. **4** L-ispejjeż li għandhom jitqiesu f'dan il-kuntest għandhom ikunu dawk stmati f'konnessjoni mal-faċilitajiet u servizzi provduti għal u implimentati taħt il-Pjan Reġjonali ta' Navigazzjoni tal-Ajru tal-ICAO, Reġjun Ewropew. Għandhom ukoll jinkludu spejjeż minfuqa mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u/jew entitajiet kwalifikati, kif ukoll spejjeż oħra minfuqa mill-Istati Membri u l-fornituri ta' servizz rilevanti f'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru; Huma ma għandhomx jinkludu l-ispejjeż tal- penali imposti mill-Istati Membri msemija fl-Artikolu 33 **u lanqas** l-ispejjeż ta' kwalunkwe miżura korrettiva jew sanzjoni msemija fl- **Artikolu 11 5** .

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. 5 Fir-rigward tal-blokk funzjonali tal-Ispazju tal-ajru u bħala parti mill-ftehim qafas rispettivi tagħhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jaqblu fuq il-prinċipji komuni għall-politika ta' ħlasijiet.

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 9 – punt f

#### *Emenda*

4. L-ispejjeż li għandhom jitqiesu f'dan il-kuntest għandhom ikunu dawk stmati f'konnessjoni mal-faċilitajiet u servizzi provduti għal u implimentati taħt il-Pjan Reġjonali ta' Navigazzjoni tal-Ajru tal-ICAO, Reġjun Ewropew. Għandhom ukoll jinkludu spejjeż minfuqa mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u/jew entitajiet kwalifikati, kif ukoll spejjeż oħra minfuqa mill-Istati Membri u l-fornituri ta' servizz rilevanti f'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru. Huma ma għandhomx jinkludu l-ispejjeż tal- penali imposti mill-Istati Membri msemija fl-Artikolu 33 **jew** l-ispejjeż ta' kwalunkwe miżura korrettiva jew sanzjoni msemija fl- **Artikolu 11(5)**.

#### *Emenda*

5. Fir-rigward tal-blokk funzjonali tal-Ispazju tal-ajru u bħala parti mill-ftehim qafas rispettivi tagħhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jaqblu fuq il-prinċipji komuni għall-politika ta' ħlasijiet, ***bil-għan li jintlaħaq ħlas wieħed, skont il-pjanijiet tal-prestazzjoni rispettivi tagħhom.***

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) it-tariffi għandhom jinkoraġġixxu l-forniment sikur, effiċjenti u effettiv u sostenibbli ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru bil-ħsieb tal-kisba ta' livell għoli ta' sikurezza u ta' effiċjenza mqabbla mal-ispiża u li jilħqu l-miri ta' prestazzjoni u huma għandhom jistimulaw il-forniment ta' servizz integrat filwaqt li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni. Għall-għanijiet ***tal-punt (f)*** u b'rabta mal-pjani ta' prestazzjoni ***jew blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jistgħu jwaqqfu*** mekkaniżmi, inklużi inċentivi li jikkonsistu f'vantaġġi u żvantaġġi finanzjarji, biex jinkoraġġixxu l-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u/jew utenti tal-ajru ħalli jsostnu t-titjib fil-forniment tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru bħalma hi l-kapaċità miżjuda, dewmien imnaqqas u żvilupp sostenibbli, filwaqt li jinżamm livell tajjeb ta' sikurezza.

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jstipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).

*Emenda*

(f) it-tariffi għandhom jinkoraġġixxu l-forniment sikur, effiċjenti u effettiv u sostenibbli ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru bil-ħsieb tal-kisba ta' livell għoli ta' sikurezza u ta' effiċjenza mqabbla mal-ispiża u li jilħqu l-miri ta' prestazzjoni u huma għandhom jistimulaw il-forniment ta' servizz integrat filwaqt li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni. Għall-għanijiet ***ta' dan il-punt*** u b'rabta mal-pjani ta' prestazzjoni ***lokali, l-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni tista' twaqqaf*** mekkaniżmi, inklużi inċentivi li jikkonsistu f'vantaġġi u żvantaġġi finanzjarji, biex jinkoraġġixxu l-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u/jew utenti tal-ajru ħalli jsostnu t-titjib fil-forniment tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru bħalma hi l-kapaċità miżjuda, dewmien imnaqqas u żvilupp sostenibbli, filwaqt li jinżamm livell tajjeb ta' sikurezza.

*Emenda*

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jstipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 9. ***Il-Kummissjoni tista' tipproponi mekkaniżmi finanzjarji biex ittejjeb is-sinkronizzazzjoni ta' nfiq kapitali bbażat fl-ajru u bbażat fuq l-art marbut mal-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-SESAR.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).



## *Ġustifikazzjoni*

*Problemi riċenti marbuta mal-applikazzjoni tat-teknoloġija tal-SESAR juru li sakemm ma jkunx hemm fis-seħħ miżuri ffukati, l-infiq kapitali meħtieġ jista' ma jkunx sinkronizzat u għalhekk it-teknoloġija rispettiva installata f'sistemi tal-ajruplani jew fl-art jista' jkun li ma tkunx tista' tintuża.*

### **Emenda 112**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 14a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 14a**

#### ***Implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM***

***1. L-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM għandha tiġi kkoordinata mill-Kummissjoni. Il-Maniġer tan-Netzwerk, il-PRB u l-Maniġer tal-Applikazzjoni għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.***

### **Emenda 113**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 14b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 14b**

***Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jstabbilixxu l-governanza tal-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv tal-ATM, inklużi d-definizzjoni u l-għażla tal-korp responsabbli mil-livell ta' ġestjoni (il-Maniġer tal-Applikazzjoni). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami***

## **Emenda 114**

### **Proposta għal regolament Artikolu 14c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 14c*

*Il-Maniġer tal-Applikazzjoni għandu jirrakkomanda lill-Kummissjoni skadenzi vinkolanti għall-applikazzjoni u l-azzjonijiet korrettivi xierqa li jikkonċernaw id-dewmien ta' implimentazzjoni.*

## **Emenda 115**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM tista' tiġi appoġġata minn proġetti komuni . Dawn il- proġetti għandhom jappoġġaw l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi mtejba l-prestazzjoni tas-sistema tal-avjazzjoni tal-Ewropa f'oqsma prinċipali bħalma huma l-kapaċità, it-titjiriet u l-effiċjenza f'termini ta' spejjeż kif ukoll is-sostenibbiltà ambjentali, fi ħdan oġġettivi dominanti ta' sikurezza. Il-proġetti komuni għandu jkollhom l-għan li jwettqu b'mod f'waqtu, koordinat u sinkronizzat *il-funzjonalitajiet ATM sabiex jiksbu* l-bidliet operattivi essenzjali identifikati fil-Pjan *Regolatorju* tal-ATM .

1. L-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM tista' tiġi appoġġata minn proġetti komuni . Dawn il- proġetti għandhom jappoġġaw l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi mtejba l-prestazzjoni tas-sistema tal-avjazzjoni tal-Ewropa f'oqsma prinċipali bħalma huma l-kapaċità, it-titjiriet u l-effiċjenza f'termini ta' spejjeż kif ukoll is-sostenibbiltà ambjentali, fi ħdan oġġettivi dominanti ta' sikurezza. Il-proġetti komuni għandu jkollhom l-għan li jwettqu *l-funzjonalitajiet tal-ATM* b'mod f'waqtu, koordinat u sinkronizzat, *bil-għan li jwettqu* l-bidliet operattivi essenzjali identifikati fil-Pjan *Komprensiv* tal-ATM, *inkluż l-identifikazzjoni tad-dimensjoni ġeografika, tal-arkitettura ta' proġetti mmexxija mill-prestazzjoni u tal-approċċ ta' twettiq ta' servizzi l-iżjed xierqa li għandhom jiġu applikati mill-Maniġer*

*tal-Applikazzjoni. Fejn applikabbli, it-  
tfassil u l-eżekuzzjoni ta' proġetti komuni  
għandu jkollhom l-għan li jippermettu l-  
eżistenza ta' sett ta' kapaċitajiet  
interoperabbli bażiċi fl-Istati Membri  
kollha.*

## **Emenda 116**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jistabbilixxu l-governanza ta' proġetti komuni u li jidentifikaw l-inċentivi għat-twettiq tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3). Dawn il-miżuri m'għandhomx idgħajfu l-mekkaniżmi għall-iskjerament ta' tali proġetti rigward blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru kif ġie miftiehem mill-partijiet ta' dawk il-blokk.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jistabbilixxu l-governanza ta' proġetti komuni u li jidentifikaw l-inċentivi għat-twettiq tagħhom. ***Il-korp li jirregola l-iskjerament tal-proġetti komuni għandu jkun l-istess korp li jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tal-linja bażi tal-Pjan Komprensiv tal-ATM.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3). Dawn il-miżuri m'għandhomx idgħajfu l-mekkaniżmi għall-iskjerament ta' tali proġetti rigward blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru kif ġie miftiehem mill-partijiet ta' dawk il-blokk.

## **Emenda 117**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***3a. Proġetti konġunti huma l-mezz li bih jiġi implimentat il-proġett SESAR dwar it-titjib operattiv żviluppat kemm b'mod ikkoordinat kif ukoll f'waqtu. B'hekk huma jikkontribwixxu, b'mod deċiżiv, għall-kisba tal-miri fl-Unjoni kollha.***

*Emenda*

## Ġustifikazzjoni

*Huwa importanti ħafna li jiġi enfasizzat li l-implimentazzjoni tal-proġett SESAR jiffoka fuq proġetti konġunti flimkien mal-miri Ewropej, fi żmien xieraq, b' mod koordinat, sinkronizzat u konsistenti. Barra minn hekk, fir-Regolament il-ġdid għandha ssir referenza għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 409/2013.*

### Emenda 118

#### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru bbażati fuq il-forniment integrat ta' servizzi ***tat-traffiku tal-ajru*** bil-ħsieb li tiġi akkwistata l-kapaċità u l-effikaċja meħtieġa tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew u li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza u li jingħata kontribut għall-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ta' trasport bl-ajru u impatt ambjentali mnaqqas.

##### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' blokok funzjonali ***operattivi*** tal-ispazju tal-ajru bbażati fuq il-forniment integrat ta' servizzi ***ta' navigazzjoni bl-ajru*** bil-ħsieb li tiġi akkwistata l-kapaċità u l-effikaċja meħtieġa tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew u li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza u li jingħata kontribut għall-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ta' trasport bl-ajru u impatt ambjentali mnaqqas.

### Emenda 119

#### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

***2. Il-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru għandhom, kul fejn ikun possibbli, jiġu ffurmati skont sħubijiet industrijali kooperattivi bejn fornituri ta' servizz tan-navigazzjoni tal-ajru, partikolarment b'rabta mal-forniment ta' servizzi ta' appoġġ skont l-Artikolu 10. Is-sħubijiet industrijali jistgħu jappoġġaw blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru wieħed jew***

##### *Emenda*

***imħassar***

**aktar, jew parti minnu biex  
jimmassimizzaw il-prestazzjoni.**

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-emenda 76 għall-Artikolu 10 mir-Rapporteur, il-kompetizzjoni għas-servizzi ta' appoġġ ma għandhiex tkun limitata għal-livell ta' FABs.*

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati **Membri**, **kif ukoll il-fornituri** tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jikkooperaw ma' xulxin sakemm hu possibbli sabiex jiżguraw li jkunu konformi ma' dan l-Artikolu. Fejn ikun rilevanti, il-kooperazzjoni tista' tinkludi **wkoll fornituri** ta' **servizzi tat-traffiku** tal-ajru minn pajjiżi terzi li jieħdu sehem fil-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru.

*Emenda*

3. L-Istati **Membri**, **l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni u l-fornituri** tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jikkooperaw ma' xulxin sakemm hu possibbli sabiex jiżguraw li jkunu konformi ma' dan l-Artikolu. Fejn ikun rilevanti, il-kooperazzjoni tista' tinkludi **wkoll awtoritajiet nazzjonali** ta' **Sorveljanza u fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni** tal-ajru minn pajjiżi terzi li jieħdu sehem fil-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru.

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-NSAs jiġu introdotti f'dan l-Artikolu peress li għandhom rwol fis-sorveljanza tas-sikurezza u l-prestazzjoni fl-FABs.*

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ikunu mfassla sabiex ifittxu l-akbar sineġġi mas-sħubijiet industrijali sabiex jilhqqu **u fejn possibbli jaqbżu** l-miri tal-prestazzjoni stipulati skont l-Artikolu 11;

*Emenda*

(b) ikunu mfassla sabiex ifittxu l-akbar sineġġi mas-sħubijiet industrijali sabiex jilhqqu l-miri tal-prestazzjoni stipulati skont l-Artikolu 11;

*Ġustifikazzjoni*

*“Rekwiżit” mhux xieraq għal leġiżlazzjoni. Li jinqabżu miri f’qasam wieħed jista’ joħloq problemi biex jintlaħqu miri f’qasam ieħor.*

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) jagħmlu possibbli l-aħjar użu tal-ispazju tal-ajru, filwaqt li jieħdu kont tal-flussi tat-traffiku tal-ajru;

(c) jagħmlu possibbli l-aħjar użu, ***u l-użu flessibbli***, tal-ispazju tal-ajru, filwaqt li jieħdu kont tal-flussi tat-traffiku tal-ajru;

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ia (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ia) jikkonsolidaw l-akkwist ta’ infrastruttura tal-ATM u jkollhom l-għan li jżidu l-interoperabilità ta’ tagħmir eżistenti;***

*Ġustifikazzjoni*

*L-akkwist ta’ sistemi għalja u inkompatibbli minn kull ANSP joħloq aktar ostakli għall-għanijiet tal-SES aktar ’il quddiem.*

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ib (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ib) jiffaċilitaw il-konsistenza mal-miri ta’ prestazzjoni madwar l-Unjoni.***

## Emenda 125

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu jistgħu jintlaħaqu permezz tal-parteciċipazzjoni tal-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fi **blokk** funzjonali tal-ispazju tal-ajru wieħed jew aktar.

#### *Emenda*

5. Ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu jistgħu jintlaħaqu permezz tal-parteciċipazzjoni tal-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fi **blokkijiet** funzjonali tal-ispazju tal-ajru wieħed jew aktar.

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Blokk funzjonali tal-ispazju **tal-ajru li jestendi tul l-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà ta' aktar minn Stat Membru** għandu jkun **stabbilit b'**nomina konġunta **bi ftehim reċiproku** bejn l-Istati Membri **kollha**, kif ukoll jekk ikun il-każ, ma' pajjiżi terzi li jkollhom responsabbiltà għal xi parti mill-ispazju tal-ajru inkluż fil-blokk.

#### *Emenda*

Blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru **operattiv** għandu jkun **stabbilit b'**nomina konġunta bejn l-Istati Membri, kif ukoll jekk ikun il-każ, ma' pajjiżi terzi li jkollhom responsabbiltà għal xi parti mill-ispazju tal-ajru inkluż fil-blokk.

## Emenda 127

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri rigward l-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istat (i) Membru(i) msemmija fil-paragrafu 6. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(3).

#### *Emenda*

11. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri rigward l-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istat (i) Membru(i) msemmija fil-paragrafu 6. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(3). **Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr**

*preġudizzju għal kwalunkwe arranġament ta' FAB li jkun jeżisti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm dawk l-arranġamenti jilħqu u, fejn ikun possibbli, jeċċedu l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 11.*

## **Emenda 128**

### **Proposta għal regolament Artikolu 16a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 16a*

##### *Sħubijiet industrijali*

*1. Fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru jistgħu jikkooperaw biex jistabbilixxu sħubijiet industrijali, b'mod partikolari dwar il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ skont l-Artikolu 10. Is-sħubijiet industrijali jistgħu jappoġġaw blokkijiet funzjonali tal-ispazju tal-ajru wieħed jew aktar, jew kwalunkwe parti minnu biex jimmassimizzaw il-prestazzjoni.*

*2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li kwalunkwe ostaklu għal sħubijiet bejn ANSPs jitneħħa, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari kwistjonijiet dwar responsabbiltà, mudelli ta' ħlasijiet u ostakli għall-interoperabilità.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sħubijiet industrijali għandhom ikunu separati mill-FABs, li huma inizjattiva ta' Stat. Aktar minn hekk, sħubijiet industrijali jeħtieġu li ma jirrbux l-FABs f'termini tal-Istati Membri kkonċernati, u għalhekk għandhom jiġu kklassifikati bħala tip separat ta' kooperazzjoni.*

## **Emenda 129**

### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1**

PE522.770v03-00

64/82

RR\1018458MT.doc



*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Is-servizzi tan-netwerk ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) għandhom jippermettu l-aqwa użu tal-ispazju tal-ajru u jiżguraw li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jkunu jistgħu joperaw fuq it-trajettorji ppreferuti, filwaqt li jippermettu aċċess massimu għall-ispazju tal-ajru u għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawn is-servizzi tan-netwerk għandhom ikunu mmirati biex jiġu appoġġati l-inizjattivi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali u għandhom jitwettqu b'mod li jirrispetta s-separazzjoni tal-ħidmiet regolatorji u operattivi.

*Emenda*

1. Is-servizzi tan-netwerk ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) għandhom jippermettu użu ottimali *u flessibbli* tal-ispazju tal-ajru u jiżguraw li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jkunu jistgħu joperaw fuq it-trajettorji ppreferuti, filwaqt li jippermettu aċċess massimu għall-ispazju tal-ajru u għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawn is-servizzi tan-netwerk għandhom ikunu mmirati biex jiġu appoġġati l-inizjattivi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali u għandhom jitwettqu b'mod li jirrispetta s-separazzjoni tal-ħidmiet regolatorji u operattivi.

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet msemmija fil-paragrafu 1, u bla ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tar-rotot nazzjonali u l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru, il-Kummissjoni għandha tiżgura li *jitwettqu s-servizzi li ġejjin taħt ir-responsabbiltà ta'* Maniġer tan-Netwerk :

*Emenda*

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1, u bla ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tar-rotot nazzjonali u l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru, il-Kummissjoni għandha tiżgura li *l-funzjonijiet u s-servizzi li ġejjin ikunu kkoordinati minn* Maniġer tan-Netwerk:

*Ġustifikazzjoni*

*Il-“Maniġer tan-Netwerk” kif definit mill-SES mhux neċessarjament kapaċi jwettaq direttament dawn l-attivitajiet kollha hu stess.*

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-ottimizzazzjoni tat-tfassil tal-ispazju tal-ajru f'kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni tal-ajru u l-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru msemmija fl-Artikolu 16;

*Emenda*

(e) l-ottimizzazzjoni tat-tfassil tal-ispazju tal-ajru, ***inklużi s-setturi tal-ispazju tal-ajru u l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru f'żoni en-route u fit-terminal***, f'kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni tal-ajru u l-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru msemmija fl-Artikolu 16;

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Is-servizzi*** elenkati f'dan is-subparagrafu m'għandhomx jinvolvu l-adozzjoni ta' miżuri vinkolanti ta' ambitu ġenerali jew l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni politika. Huma għandhom iqisu l-proposti stabbiliti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali. Dawn għandhom jitwettqu f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet militari skont il-proċeduri miftiehma li jikkonċernaw l-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.

*Emenda*

***Il-funzjonijiet u s-servizzi*** elenkati f'dan is-subparagrafu m'għandhomx jinvolvu l-adozzjoni ta' miżuri vinkolanti ta' ambitu ġenerali jew l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni politika. Huma għandhom iqisu l-proposti stabbiliti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali. Dawn għandhom jitwettqu f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet militari skont il-proċeduri miftiehma li jikkonċernaw l-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.

*Ġustifikazzjoni*

*Xi attivitajiet koperti minn dan l-Artikolu mhumiex “servizzi” fl-użu tat-terminu tal-SES.*

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni tista', u f'konformità mar-

*Emenda*

Il-Kummissjoni tista', u f'konformità mar-

regoli implimentattivi msemmija fil-paragrafu 4, taħtar lill-Eurocontrol jew lil korp ieħor kompetenti u imparzjali biex iwettaq il-kompiti neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu tal-Maniġer tan-Netwerk Dawn il-kompiti għandhom jitwettaqu b'mod imparzjali, ekonomikament effettiv; Dawn il-kompiti għandhom jitwettqu b'mod imparzjali, ekonomikament effettiv u għandhom jitwettqu f'isem l-Istati Membri u l-partijiet interessati. Huma għandhom ikunu soġġetti għal governanza xierqa, li tirrikonoxxi r-responsabilitajiet separati għall-provvediment tas-servizzi u għar-regolamentazzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati il-ħtiġijiet tan-netwerk sħiħ tal-ATM u bl-involviment sħiħ tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru. Sal-1 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha taħtar Maniġer tan-Netwerk bħala fornitur awtonomu tas-servizzi, fejn possibbli bħal sħubija industrijali.

regoli implimentattivi msemmija fil-paragrafu 4, taħtar lill-Eurocontrol jew lil korp ieħor kompetenti u imparzjali biex iwettaq il-kompiti neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu tal-Maniġer tan-Netwerk Dawn il-kompiti għandhom jitwettaqu b'mod imparzjali, ekonomikament effettiv; Dawn il-kompiti għandhom jitwettqu b'mod imparzjali, ekonomikament effettiv u **għandhom jitwettqu** f'isem **l-Unjoni**, l-Istati Membri u l-partijiet interessati. Huma għandhom ikunu soġġetti għal governanza xierqa, li tirrikonoxxi r-responsabilitajiet separati għall-provvediment tas-servizzi u għar-regolamentazzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati il-ħtiġijiet tan-netwerk sħiħ tal-ATM u bl-involviment sħiħ tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru. Sal-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni għandha taħtar Maniġer tan-Netwerk bħala fornitur awtonomu tas-servizzi, fejn possibbli bħal sħubija industrijali.

## Emenda 134

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Aspetti ta' tfassil tal-ispazju tal-ajru minbarra dawk imsemmija **fil-paragrafi 2 u 4** (c) għandhom jiġu kkunsidrati fuq livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali. **Dan** il-proċess tat-tfassil għandu jikkunsidra t-talbiet u l-kumplexità tat-traffiku, **il-pjani tal-prestazzjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali jew nazzjonali** u għandu jinkludi konsultazzjoni sħiħa mal-utenti tal-ispazju tal-ajru **relevanti** jew mal-gruppi **relevanti** li jirrappreżentaw l-utenti tal-ispazju tal-ajru u mal-awtoritajiet militari skont kif

#### *Emenda*

5. Aspetti ta' tfassil tal-ispazju tal-ajru minbarra dawk imsemmija **fil-paragrafu 2 u fil-punt** (c) **tal-paragrafu 4** għandhom jiġu kkunsidrati fuq livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali. Il-proċess tat-tfassil għandu jikkunsidra t-talbiet u l-kumplexità tat-traffiku **u l-pjani tal-prestazzjoni lokali**, u għandu jinkludi konsultazzjoni sħiħa mal-utenti tal-ispazju tal-ajru **rilevanti** jew mal-gruppi **rilevanti** li jirrappreżentaw l-utenti tal-ispazju tal-ajru u mal-awtoritajiet militari skont kif ikun

ikun xieraq.

xieraq.

### **Emenda 135**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni biex jikkonsultaw mal-gruppi rilevanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-operaturi tal-ajrudromi dwar kull kwistjoni ewlenija marbuta mas-servizzi pprovduti, jew bidliet rilevanti lill-konfigurazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru. ***L-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom ukoll ikunu involuti fil-proċess tal-approvazzjoni ta' pjani ta' investiment strateġiku.*** Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jiddettaljaw il-modalitajiet tal-konsultazzjoni u ***tal-involiment*** tal-utenti tal-ispazju tal-ajru ***fl-approvazzjoni tal-pjani ta' investiment.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).

##### *Emenda*

Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni biex jikkonsultaw mal-gruppi rilevanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-operaturi tal-ajrudromi dwar kull kwistjoni ewlenija marbuta mas-servizzi pprovduti, ***pjanijiet ta' investiment strateġiku, speċjalment fir-rigward ta' aspetti li jirrikjedu sinkronizzazzjoni bejn l-użu ta' tagħmir bl-ajru u bl-art*** jew bidliet rilevanti lill-konfigurazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jiddettaljaw il-modalitajiet tal-konsultazzjoni u ***tal-involiment*** tal-utenti tal-ispazju tal-ajru ***fl-abbozzar tal-pjanijiet ta' investiment strateġiċi biex tiżgura l-konsistenza tagħhom mal-Pjan Komprensiv tal-ATM u l-proġetti komuni msemmija fl-Artikolu 15.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).

### **Emenda 136**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kumitat tal-Ajru Uniku, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp konsultattiv espert dwar il-fattur uman, li s-sħab soċjali Ewropej tal-ATM u esperti oħra minn korpi rappreżentattivi ta' persunal***

***professionali għandhom jappartjenu għalih. Ir-rwol ta' dan il-grupp għandu jkun li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-azzjoni reċiproka bejn l-operazzjonijiet u l-fattur uman fis-settur tal-ATM.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Meta titqies il-kompleksità involuta fil-kejl tal-indikaturi tal-fattur uman, grupp espert huwa meħtieġ li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar dan il-qasam. Dan il-grupp espert jista' jkun stabbilit taħt l-awspiċi ta' korp eżistenti, bħall-Korp Konsultattiv tal-Industrija.*

### **Emenda 137**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, tkun xi tkun is-sistema ta' sjieda tagħhom jew forma legali, għandhom jiktbu, jissottomettu lill-verifika u jipubblikaw il-kontijiet finanzjarji tagħhom. Dawn il-kontijiet għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-kontabilità addottati mill-Unjoni. ***Fejn, minħabba l-istatus legali tal-fornitur ta' servizz, konformita sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-kontabilità ma tkunx possibbli, l-fornitur għandu jagħmel sforz biex jikseb konformita tali sal-punt massimu possibbli.***

##### *Emenda*

1. Fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, tkun xi tkun is-sistema ta' sjieda tagħhom jew forma legali, għandhom jiktbu, jissottomettu lill-verifika u jipubblikaw il-kontijiet finanzjarji tagħhom. Dawn il-kontijiet għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-kontabilità addottati mill-Unjoni .

***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex l-ANSPs jikkonformaw ma' dan l-Artikolu sal-1 ta' Lulju 2017.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-istandards internazzjonali tal-kontabilità huwa meħtieġ għall-komparabilità tal-ispejjeż u l-kwalità tad-dejta użata fl-iskema tal-prestazzjoni.*

## Emenda 138

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

**5. Stati Membri jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet transizzjonali ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità<sup>29</sup> għall-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni ta' l-ajru li jaqgħu taħt l-ambitu ta' dan ir-Regolament.**

---

<sup>29</sup>ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

*Emenda*

***imħassar***

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 11(7), 17(3) u 25 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien ***indeterminat***.

*Emenda*

2. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 11(7), 17(3) u 25 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien ***ta' seba' snin***.

***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport f'dak li għandu x'jaqsam mas-setgħa ddelegata sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' seba' snin. Id-delega tas-setgħa titwal taċitament għal perijodi ta' dewmien identiku, sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.***

## Emenda 140

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. La l-awtoritjiet **superviżorji** nazzjonali, li jkunu qed jaġixxu skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali, u lanqas il-Kummissjoni ma għandhom jiżvelaw l-informazzjoni ta' natura kunfidenzjali, b'mod partikulari informazzjoni dwar **il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru**, ir-relazzjonijiet ta' negozju jew il-komponenti tal-ispejjeż tagħhom.

## Emenda 141

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-dritt ta' żvelar mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jew mill-Kummissjoni fejn ikun essenzjali għall-għanijiet biex jissodisfaw dmirijiethom, f'liema każ dan l-iżvelar għandu jkun proporzjonat u għandu jirrispetta l-interessi leġittimi **tal-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru**, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti jew il-partijiet interessati rilevanti l-oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

## Emenda 142

### Proposta għal regolament Artikolu 33

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom

#### *Emenda*

1. La l-awtoritjiet nazzjonali **tal-avjazzjoni**, li jkunu qed jaġixxu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, u lanqas il-Kummissjoni ma għandhom jiżvelaw l-informazzjoni ta' natura kunfidenzjali, b'mod partikulari informazzjoni dwar **l-ANSPs**, ir-relazzjonijiet ta' negozju jew il-komponenti tal-ispejjeż tagħhom.

#### *Emenda*

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-dritt ta' żvelar mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jew mill-Kummissjoni fejn ikun essenzjali għall-għanijiet biex jissodisfaw dmirijiethom, f'liema każ dan l-iżvelar għandu jkun proporzjonat u għandu jirrispetta l-interessi leġittimi **tal-ANSPs**, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti jew il-partijiet interessati rilevanti l-oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

L-Istati Membri għandhom

jistipulaw regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari mill-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-fornituri ta' servizzi , u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u disważivi.

jistipulaw regoli dwar il-penali **u mekkaniżmi ta' kumpens** applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari mill-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-fornituri ta' servizzi , u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u disważivi.

### *Ġustifikazzjoni*

*Minbarra l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet, għandu jiġi stabbilit ukoll mekkaniżmu ta' kumpens xieraq sabiex tiġi indirizzata l-problema li ġejja min-nuqqas ta' sinkronizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-SESAR u l-investment mitluf minħabba fiha.*

### **Emenda 143**

#### **Proposta għal regolament Anness II – punt 1 – punt a**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-awtorità nazzjonali **ta' sorveljanza** li toħroġ iċ-ċertifikat;

##### *Emenda*

(a) l-awtorità nazzjonali **tal-avjazzjoni** li toħroġ iċ-ċertifikat;



## NOTA SPJEGATTIVA

*L-inizjattiva Ajru Uniku Ewropew (SES) tnediet fis-sena 2000, biex iġġib il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' navigazzjoni taħt il-politika komuni tat-trasport. Mit-tnedija tal-SES, il-politika ta' tkabbir flimkien ma' politika attiva tal-viċinat kabbru s-suq tal-avjazzjoni Ewropew għal 38 pajjiż, u b'hekk l-avjazzjoni tal-UE saret attur globali.*

*Madankollu, l-SES ma kisbitx ir-riżultati mistennija. Il-progress li sar fuq l-approċċ minn isfel għal fuq tal-FAB kif ukoll il-progress fuq l-effiċjenza kumplessiva tat-tfassil u l-użu tan-network Ewropew tar-rotot huwa ftit, għaldaqstant la t-tariffi tan-navigazzjoni u l-prezzijiet tal-biljetti u lanqas it-tul medju tat-titjiriet jew il-konsum medju tal-karburant ma naqsu biżżejjed, b'mod konsiderevoli, minħabba r-riforma li għaddejja tal-SES. **Konsegwentement, l-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-passiġġieri qed jerfgħu il-piż żejjed tal-ineffiċjenzi fil-katina tal-avjazzjoni tal-UE f'termini ta' żmien, karburant użat u flus.***

### **Il-proposta tal-Kummissjoni**

Ir-riformulazzjoni tar-regolament dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku għandha l-għan li tħaffef l-implimentazzjoni tar-riforma tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru waqt li, fl-istess ħin, tibqa' tikkonforma mal-oġettivi u l-prinċipji oriġinali. Għandha l-għan li tilħaq din il-mira, fost oħrajn, bit-tisħiħ tal-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, bit-tisħiħ tar-rwol tal-Maniġer tan-Netwerk, bid-definizzjoni mill-ġdid tal-kunċett ta' blokki funzjonali tal-ispazju tal-ajru billi l-industrija titħalla tassumi rwol iżjed prominenti u, fl-aħħar iżda mhux l-inqas, billi tagħmel lis-servizzi ta' appoġġ tan-navigazzjoni tal-ajru soġġetti għall-proċess ta' sejħa għal offerti miftuħ għall kompetizzjoni.

### **L-istatus quo mhuwiex għażla**

Wara li ħadmet fuq il-proposta ta' qabel għal Ajru Uniku Ewropew (SES II) u nneozjat il-ftehim finali mal-Kunsill iżda bir-riżultat li rat biss ir-riżultati miksuba mxekkla minn nuqqas ta' rieda politika u impenn politiku f'bosta Stati Mmembri, ir-rapporteur tiegħek tagħti l-appoġġ totali tagħha għall-prinċipji stabbiliti fis-SESII+. Minkejja xi sforzi li saru minn għadd żgħir ta' Stati Membri li impenjaw ruħhom biex itejbu l-pajsaġġ tal-industrija Ewropea tal-ATM, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, il-linji tal-ajru u l-passiġġieri ma esperjenzawx ħafna minn dan fl-attivitajiet ta' kuljum u tan-negozju tagħhom. Huwa għal din ir-raġuni li għandna nikkunsidraw din il-proposta l-ġdida bħala, forsi, l-aħħar opportunità li biha tista' titħaffef l-implimentazzjoni, li diġà ddewmet ħafna, tal-inizjattiva ewlenija tal-UE qabel ma l-industrija tal-avjazzjoni Ewropea ssofri minn diffikultajiet oħra minħabba l-kompetizzjoni esterna u jkun hemm mewġa ġdida ta' fallimenti ta' linji tal-ajru. Wara li kkunsidrat dan kollu, ir-rapporteur tiegħek hija tal-opinjoni li xi ftit tibdiliet jistgħu jtejjbu l-proposta biex issir iżjed Prattika u l-implimentazzjoni tagħha tkun iżjed flessibbli u effiċjenti.

### **L-abbozz tar-rapport tar-rapporteur**

L-ewwel nett, saru xi ftit emendi biex jiżdiedu xi definizzjonijiet importanti, prinċipalment ta' "mira ta' prestazzjoni lokali" jew "sħubija industrijali" li, skont il-proposta, issa se tkun "forza ta' xprunar" fi blokki funzjonali ta' spazju tal-ajru li ġew strutturati mill-ġdid.

It-tieni, minħabba li skont id-definizzjoni tiegħu, l-Ajru Uniku Ewropew għandu jkun iżjed inklużiv u jippermetti użu iktar flessibbli tal-ispazju tal-ajru, il-membri tiegħu għandhom jiġu mħeġġa jidħlu f'kooperazzjoni mtejbja irrispettivament mill-konfini li fihom joperaw. Bl-istess mod huma għandhom ikunu kapaċi jestendu l-ambitu ġeografiku u operattiv li għalih japplika dan ir-regolament permezz ta' ftehimiet xierqa, inkluż il-livell tal-blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali, mal-pajjiżi terzi tal-veċinat. Fit-test qed jiġu introdotti ftit tibdiliet li jagħmlu dan possibbli b'mod espliċitu.

It-tielet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tieni proposta tas-SESII+ li temenda r-Regolament 216/2008, li jagħti għadd konsiderevolment ikbar ta' kompiti lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Avjazzjoni (EAA), qed jiġu proposti xi ftit tibdiliet rigward il-proċess ta' akkreditazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni (NAA) u ċ-ċertifikazzjoni tal-Fornituri ta' Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru (ANSPs). B'mod partikolari, bil-għan li tintlaħaq proċedura uniformi għaċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri ta' servizz tan-navigazzjoni tal-ajru fil-futur u li dawn jiġu offruti punt uniku ta' servizz biex jirċievu permess validu mal-Unjoni kollha biex iwettqu l-kompiti tagħhom, għandu jkun possibbli li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Avjazzjoni (EAA) toħroġ dan iċ-ċertifikat li jkun rikonossibbli fl-Istati Membri kollha.

Barra minn hekk, is-servizzi ta' appoġġ huma ddefiniti b'mod ċar bħala servizzi li jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza (CNS), u servizzi meteoroloġiċi u ajrunawtiċi biex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni. Barra minn hekk, billi s-separazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ mill-ANSPs ġiet ikkuntestata b'mod wiesgħa, minflok qed jiġi propost l-obbligu li ANSP jikkunsidra offerti minn fornituri oħra biex iwettaq dawn is-servizzi, mingħajr l-obbligu li jisseparahom.

Barra minn hekk, billi l-implimentazzjoni tas-SES tiddependi b'mod qawwi fuq il-linja bażi tal-Pjan Komprensiv tal-ATM, inkluż l-interoperabilità u l-iskjerament f'waqthom u mmirati ta' komponenti teknoloġiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata l-kompitu li tafda r-responsabbiltà għall-ġestjoni ta' dan l-iskjerament f'idejn entità magħżula msejħa maniġer tal-iskjerament sabiex tiċċara l-istruttura ta' ġestjoni xierqa tas-SES u tiffaċilita l-implimentazzjoni preċiża u f'waqtha tagħha. ***Tingħata attenzjoni partikolari lill-“proġetti komuni” b'mod speċjali dawk ibbażati fuq oqfsa mmexxija mit-teknoloġija.***

Finalment, billi l-prattika wriet li l-parti l-kbira tal-kompiti tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jiġu fdati lill-awtoritajiet tal-avjazzjoni diġà eżistenti, qed jiġi propost li tiġi ċċarata l-konfużjoni legali eżistenti bejn NSAs u NAAs bil-fużjoni espliċita taż-żewġ kunċetti paralleli f'kunċett wieħed, u b'hekk ir-responsabbiltà tas-sorveljanza tal-ANSPs tingħata lill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni soġġetti għall-akkreditazzjoni tal-EAA. Fit-tweqqiq tal-kompiti tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni jkollhom jiżguraw l-indipendenza tagħhom, b'mod speċjali f'termini ta' proċeduri ta' reklutaġġ u l-protezzjoni tad-dejta.

***Ir-rapporteur tiegħek hija konvinta li l-proposta emendata tindirizza b'mod tajjeb l-aspettattivi taċ-ċittadini billi tikkostitwixxi approċċ ibbilanċjat bejn l-opinjoni tal-industrija u l-ħtiġijiet soċjali. Għaldaqstant qed jiġi propost approċċ sinerġetiku dwar it-fassil tan-netwerk, il-ġestjoni tan-netwerk u l-iskjerament teknoloġiku, bil-għan li jinħoloq spazju tal-ajru operattiv integrat Ewropew. F'dan l-isfond, ir-rapporteur tiegħek***

*tissuġġerixxi li l-partijiet interessati kollha għandhom jimpenjaw ruħhom li jallinjaw l-impenn politiku tagħhom mal-qafas teknoloġiku li diġà għaddej u li jħaffu l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew b'konsistenza sħiħa mal-iskeda taż-żmien tas-SESAR li għaddejja bħalissa.*

## ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI

Ref.: D(2013)60540

Is-Sur Brian SIMPSON  
President tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu  
ASP 13G306  
Brussell

Suġġett: L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew  
(riformulazzjoni)  
(COM(2013)0410 – C7-0171/2013 – 2013/0186(COD))

Għażiż President,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li għandi l-unur nippresjedi, eżamina l-proposta msemmija hawn fuq, skont it-termini tal-Artikolu 87 dwar it-Tfassil mill-ġdid, kif iddaħħal fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

Il-Paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu jgħid hekk:

*"Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli b'dan.*

*F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 156 u 157, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli mis-suġġett jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdliet sostanzjali.*

*Madankollu, jekk f'konformità mal-punt 8 tal-Ftehma Interistituzzjonali l-kumitat responsabbli jkollu l-ħsieb ukoll li jippreżenta emendi għall-partijiet kodifikati tal-proposta, huwa għandu jinnotifika minnufih il-ħsieb tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u din tal-aħħar għandha tgħarraf lill-kumitat, qabel il-vot skont l-Artikolu 54, bil-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-emendi kif ukoll dwar jekk għandhiex il-ħsieb li tirtira l-proposta ta' tfassil mill-ġdid."*

B'segwitu għall-opinjoni tas-Servizz Legali, li r-rappreżentanti tiegħu pparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li eżamina l-proposta għal tfassil mill-ġdid, u b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur għal opinjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jikkunsidra li l-proposta msemmija ma tinkludi l-ebda tibdil sostantiv ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil fis-sostanza tagħhom.

Barra minn hekk, skont l-Artikoli 86(2) u 86(3), il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra li l-adattamenti tekniċi ssuġġeriti fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma msemmi hawn fuq kienu meħtieġa biex jiġi żgurat li l-proposta tikkonforma mar-regoli tat-tfassil mill-ġdid.

Biex nikkonkludi, wara diskussjoni fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Novembru 2013, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bi 21 vot favur u ebda astensjoni<sup>1</sup>, jirrakkomanda li l-Kumitat tiegħek, bħala l-kumitat responsabbli, jipproċedi biex jeżamina l-proposta msemmija hawn fuq skont l-Artikolu 87.

Dejjem tiegħek,

Klaus-Heiner LEHNE

*Mehmuż: L-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv.*

---

<sup>1</sup> Kienu preżenti l-Membri li ġejjin: Raffaele Baldassarre (Viċi President), Sebastian Valentin Bodu (Viċi President), Françoise Castex (Viċi President), Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Eduard-Raul Hellvig, Klaus-Heiner Lehne(President), Eva Lichtenberger, Antonio Lopez-Isturiz White, Antonio Masip Hidalgo, Evelyn Regner (Viċi President), Dagmar Roth-Behrendt, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, József Szájer, Alexandra Thein, Axel Voss, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka.

**ANNEX: OPINION OF THE CONSULTATIVE WORKING PARTY OF THE LEGAL SERVICES OF THE EUROPEAN PARLIAMENT, THE COUNCIL AND THE COMMISSION**



GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV  
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 23 ta' Ottubru 2013

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW  
TAL-KUNSILL  
TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Ajru Uniku Ewropew  
COM(2013)0410 tal-11.6.2013 – 2013/0186(COD)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali, u b'mod partikolari l-punt 9 tagħha, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, fl-4 ta' Lulju 2013 kellu laqgħa ddedikata, fost affarijiet oħra, għall-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq, imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt il-laqgħa<sup>1</sup>, l-eżami tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jfassal

---

<sup>1</sup> Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-verżjoni Ingliża, Franċiża u Ġermaniża tal-proposta u ħadem abbażi tal-verżjoni Ingliża, billi kienet il-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test diskuss.

mill-ġdid ir-Regolamanet (KE) Nru 549/2004 tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi qafas għall-ħolqien tal-ajru uniku Ewropew, ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-10 ta' Marzu 2004 dwar id-dispożizzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew, ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabbiltà tan-netwerk Ewropew għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru rriżulta fl-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, bi qbil komuni, kif ġej.

1) Fir-rigward tal-memorandum ta' spjegazzjoni, sabiex jiġi abbozzat f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti mill-Ftehim Interistituzzjonali tali dokument kellu jispeċifika liema mid-dispożizzjonijiet tal-att ta' qabel jibqgħu mhux mibdula fil-proposta, kif previst fil-punt 6(a)(iii) ta' dak il-ftehim.

2) Fit-tfassil mill-ġdid tal-proposta, il-partijiet tat-test li ġejjin kellhom jiġu identifikati bit-tipa ta' kulur griż li ġeneralment tintuża sabiex jiġi identifikat tibdil sostantiv:

- fil-premessa 19, il-kelma "*Eurocontrol*" tinbidel bl-espressjoni "*il-Maniġer tan-Netwerk*",
- fl-Artikolu 1(2) u (3), fil-kliem tal-bidu tal-Artikolu 2, fl-Artikolu 3(1), fl-Artikolu 33 u fl-Artikolu 34(1), jitneħħa l-kliem "*u tal-miżuri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3*";
- fl-Artikolu 11(2), jitneħħa l-kliem tal-bidu "*F'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3)*";
- fl-Artikolu 14(2), l-aħħar sentenza "*Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 27(2)*";
- fl-Artikolu 16(11), l-aħħar sentenza "*Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(3)*";
- fit-titolu tal-Artikolu 30, titneħħa l-kelma "*Ewropej*".

3) Fl-Artikolu 1(2) tat-tfassil mill-ġdid tal-proposta, ir-referenza magħmula għall-Artikolu 38 għandha tiġi adattata biex tinqara bħala referenza għall-Artikolu 35.

Dan l-eżami tal-proposta b'hekk wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dawk identifikati bħala tali fiha jew fl-opinjoni preżenti. Il-Grupp ta' Ħidma nnota wkoll li, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-att eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

Madankollu, fir-rigward tal-Artikolu 16(11) tal-abbozz ta' att imfassal mill-ġdid, ġie diskuss jekk dak it-test kellux jew le jkun kompletament identifikat bit-tipa ta' kulur griż li ġeneralment tintuża sabiex jiġi mmarkat tibdil sostantiv.

Min-naħa l-waħda, is-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni kkunsidraw li l-preżentazzjoni li ntużat f'dak it-test biex jiġi identifikat it-tibdil ta' ċerti formulazzjonijiet li attwalment jinsabu fl-Artikoli 9a(9) tar-Regolament (KE) 550/2004 b'formulazzjonijiet ġodda, meħuda minn formulazzjonijiet standard miftiehma bejn it-tliet istituzzjonijiet, tiddekrivi biżżejjed l-emendi sostantivi proposti għal dik id-dispożizzjoni eżistenti.

Min-naħa l-oħra, is-Servizz Legali tal-Kunsill ikkunsidra li l-bidla fil-proċedura ma tistax tiġi separata mill-kwistjoni sostantiva li l-proċedura hija relatata magħha u li għaldaqstant it-test sħiħ tad-dispożizzjoni msemmija kellu jiġi identifikat permezz tal-użu tat-tipa ta' kulur griż.

Madankollu, it-tliet servizzi legali kienu tal-istess fehma li l-abbozz tat-test imressaq mill-Kummissjoni għal dik id-dispożizzjoni l-ġdida għandu jinftehem li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni tipproponi biss li r-referenza għall-proċedura regolatorja li attwalment tinsab fl-Artikolu 9a(9) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tinbidel b'għoti tas-setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.



Barra minn dan, kien ukoll fehim komuni bejn it-tliet servizzi legali li, bħala parti mill-eżerċizzju tat-tfassil mill-ġdid, il-leġiżlatur għandu jevalwa, skont it-Trattati, jekk dak l-allinjament propost tad-dispożizzjoni tal-komitoloġija eżistenti mas-sistema l-ġdida tal-atti implimentattivi jistax jitqies aċċettabbli jew jekk għandhiex tiġi prevista soluzzjoni differenti, bħal delegazzjoni tas-setgħat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jew l-ghota tas-setgħat implimentattivi lill-Kunsill skont l-Artikolu 291 tat-TFUE jew l-ebda waħda minn dawn, u b'hekk il-miżuri rilevanti jitħallew għal proċedura leġiżlattiva.

C. PENNERA  
Ġurikonsult

H. LEGAL  
Ġurikonsult

L. ROMERO REQUENA  
Direttur Ġenerali

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (Riformulazzjoni)	
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0410 – C7-0171/2013 – 2013/0186(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	11.6.2013	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 1.7.2013	
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 1.7.2013	JURI 1.7.2013
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċizzjoni	ITRE 8.7.2013	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Marian-Jean Marinescu 11.7.2013	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	14.11.2013	20.1.2014
<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.1.2014	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	26 1 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Saïd El Khadraoui, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, David-Maria Sassoli, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Artur Zasada	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Phil Bennion, Spyros Danellis, Michel Dantin, Rosa Estaràs Ferragut, Michael Gahler, Bernadette Vergnaud, Janusz Władysław Zemke	
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Charalampos Angourakis, Jens Geier, Josef Weidenholzer	
<b>Data tat-tressiq</b>	6.2.2014	